NEWSPAPER POST
ISSN 123456689

# IL-BELTVICTORIA

PUBBLIKAZZJONI TAL-BAŻILIKA PROTOPARROKJALI TA' SAN ĠORĠ | GĦAWDEX

MEJJU-AWWISSU 2020

NRU 200



## MIT-TOKK TA' BELTNA ĦARRIES TA' GŻIRITNA

Att ta' Affidament lill-Patrun ta' Għawdex għall-ħarsien mill-Covid-19

ritratt: Kan. Dr Jonathan Farrugia

EDITORJAL

# ĦARSITNA LEJN IL-ĠEJJIENI

Forsi meta fl-1981 ħarġet l-ewwel edizzjoni tar-rivista Il-*Belt Victoria* ftit kienu jistħajlu li kważi erbgħin sena wara konna ser nikkommemoraw il-mitejn ħarġa. Xħin tqalleb fil-paġni tal-ewwel ħarġiet tinduna li l-folji kważi sfaru u t-tipa xi ftit iddgħajfet. Rapporti ta' ġrajjiet, artikli, ritratti, poeżiji, kronaka – kollha sabu posthom fil-paġni ta' din ir-rivista, li minn dejjem kellha l-iskop li tkun leħen għall-Parroċċa ta' San Ġorġ u xandara ta' dak kollu li hu Rabti. Mhux ta' b'xejn ingħatat l-isem ta' *Il-Belt Victoria*!

Imma r-rivista tagħna għandha l-għan ukoll li tkun leħen Ġorġjan b'saħħtu qalb il-ħsejjes u ż-żarżir li llum idamdmu iktar minn qatt qabel. U għax leħen Ġorġjan, leħen Kristjan. Ir-rivista trid tkompli ġġedded l-għan li twassal il-messaġġ tal-Knisja Kattolika b'artikli mirquma li jgħinu l-qarrej jikber fil-fidi.

Ta' min isaqsi għaliex wara erbgħin sena din ir-rivista għadha tiġbed l-interess tal-pubbliku, speċjalment tal-emigranti tagħna. Qalb it-teknoloġija moderna u aħbarijiet kważi istantanji, il-karta stampata għadha toħloq interess. Minkejja li tiġi stampata wara li l-avvenimenti jkunu seħħew, għadha tinħass il-ħtieġa li kull avveniment ikun iddokumentat. X'jibqa' minn tant ritratti li jittieħdu, minn tant diskorsi, minn tant ġrajjiet, jekk ma jiġux iddokumentati?

Illum aktar minn qatt qabel it-teknoloġija tista' tgħin biex rivista bħal tagħna tkompli ttejjeb il-kwalità tagħha. Għalkemm tibqa' rilevanti, ir-rivista trid tibqa' taddatta għaż-żminijiet. Hu għalhekk li ma' din il-ħarġa qed jiżżanżan disinn ġdid u aktar attraenti. Ta' min isemmi wkoll li għall-kumdità tal-qarrejja l-ħarġiet kollha tar-rivista issa jinsabu wkoll aċċessibbli b'mod elettroniku fuq il-paġna tagħha fuq il-websajt parrokkjali www.stgeorge.org.mt.

Xieraq l-apprezzament mistħoqq tagħna lil dawk kollha li f'dawn l-aħħar mitejn ħarġa b'xi mod taw il-kontribut tagħhom biex setgħet ħarġet b'suċċess din ir-rivista, ibda mill-fundatur tagħha l-Arċipriet Emanuel Mercieca, l-Arċiprieti ta' warajh u l-edituri li għanuhom.

L-appell tagħna hu lilkom il-qarrejja biex tibqgħu ssostnu lil din ir-rivista permezz ta' donazzjonijiet biex tgħinuna nifdu xi ftit mill-ispejjeż li ġġib magħha din il-pubblikazzjoni, li, kif tafu, titqassam b'xejn tliet darbiet fis-sena f'kull dar tal-Parroċċa.

L-impenn tagħna jibqa' wieħed ċar: dak li nipprovdu rivista b'materjal ta' natura reliġjuża li tibqa' tgħarraf b'dak kollu li ġara u li qed jiġri fil-Parroċċa tal-Belt Victoria. Ħarsitna lejn il-ġejjieni għal aktar ħarġiet…

Awguri, *Il-Belt Victoria*!

## DONAZZJONIJIET

Pawlu Grech (il-Belt Victoria) offra €20 biex kull min jaqra din il-ħarġa joffri talba b'suffraġju għal ruħ il-ġenituri tiegħu Carmelo u Mariġwann. Agħtihom, o Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

Frank Schembri (Australia): €30, George Grech (Malta): €20.

Ħajr lil Richard Grech għad-disinn tal-*masthead* il-ġdid tar-Rivista.

INFORMAZZJONI

IL-BELT VICTORIA hi l-pubblikazzjoni maħruġa mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa mal-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI

Francesco Pio Attard, Andrew Formosa, Noel Micallef

*Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-Bord Editorjali*

FOTOGRAFIJA

Joe Attard, Toni Farrugia, Andrew Formosa, Joseph J.P. Zammit

KUNTATT

Uffiċċju Parrokkjali, Bażilika San Ġorġ, Triq il-Karità, il-Belt Victoria VCT 1200, Għawdex
www.stgeorge.org.mt | Leħen il-Belt Victoria, 104FM

# TEŻOR LI JINBENA FTIT FTIT



MESSAĠĠ

L-Arċipriet Joseph Curmi

Din hi l-200 ħarġa minn mindu Il-Belt Victoria bdiet isservi kemm bħala leħen tal-komunità Ġorġjana u kemm bħala teżor li jinbena ftit ftit u jitħalla bħala wirt għall-ġenerazzjonijiet futuri. Fil-ħsus u r-ritratti hemm ġrajjiet, persuni u tant esperjenzi. Kull ħarġa tal-pubblikazzjoni tirrakkonta u tagħti informazzjoni filwaqt li tipprova ddewwaq lill-qarrej tal-lum u ta' għada mhux tant il-fatti fihom infushom daqskemm l-esperjenza ta' Knisja tul iż-żmien. Il-fatti, meta magħġuna mal-esperjenza ta' kif il-persuni u l-komunità jkunu għexuhom realment, ma jkunux biss ħoss iżda jwasslu messaġġ. Ma joħolqux sempliċi nostalġija iżda jħarrku l-qlub.

**L-istorja mil-lenti tal-Vanġelu**

L-imperaturi, ir-rejiet, id-dinastiji u s-saltniet jitħabtu qatigħ biex l-istorja jiktbuha huma. U hekk jgħaddu lil ta' warajhom storja rtokkjata li fiha jidhru rebbieħa u jiktbuha b'mod li tpoġġihom f'dawl glorjuż. Storja ta' dan it-tip hi magħmula minn fatti magħżula bir-reqqa filwaqt li fatti oħrajn jiġu skartati, storja li tkun ħafna 'l bogħod mill-esperjenza vera li tmiss il-qalb għax hi storja mħabbta biss b'min jiktibha.

L-istorja li aħna ngħaddu hi waħda djametrikament opposta. Fil-fatt kliem Kristu huwa ferm ċar u mimli mħabba sinċiera meta jitkellem fuq is-saltniet tal-art u dik tas-sema: "Fostkom m'għandux ikun hekk; imma min fostkom irid ikun kbir, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu joqgħod l-ilsir tagħkom" (Mt 20:26); "minn dan jagħrfukom li intom dixxipli tiegħi, jekk tħobbu lil xulxin" (Ġw 13:35). Dan hu li l-Knisja twassal minn ġenerazzjoni għall-oħra. Ikbar il-qadi ta' Alla u tal-oħrajn, iktar glorjuża l-istorja.

**Il-valur ta' "Il-Belt Victoria"**

Għalhekk il-valur ta' din il-pubblikazzjoni jinsab f'li twassal lill-Insara mhux tant kisbiet mondani li jdubu fil-forġa bla ħniena taż-żmien, iżda li twassal l-esperjenzi ta' x'għamel il-Mulej mal-persuni u mal-komunità, esperjenzi li jimmarkaw il-qlub għal dejjem.

Kemm hu sabiħ meta tqalleb il-folji ta' din ir-rivista u tħoss li jitħulek bħal bibien profetiċi li jwassluk tħoss lil Alla jaħdem mal-bniedem u permezz tal-bniedem! X'serħan jaqa' fil-qalb meta tħoss li verament il-komunità Kristjana għandha bħala ċ-ċentru lil Alla! Kemm hu element li jnissel tama fina meta naqraw fil-ġrajjiet l-isforzi ta' komunità li tgħix fid-dinja iżda mhix tad-dinja, komunità mdawla f'għemilha mill-Martri Glorjuż San Ġorġ li bħalu titkellem dwar Alla mingħajr il-bżonn tal-kliem!

**Qed niktbu l-istorja**

F'dan iż-żmien li fih qed ngħixu, aħna wkoll qed niktbu l-istorja. U aħna nafu li l-isbaħ stejjer ħafna drabi ma jaslu jitħażżu fl-ebda ktieb. Minkejja dan, l-Istorja l-vera xorta tinkiteb b'linka li ma titħassarx, fil-qlub ta' dawk kollha li permezz tagħna raw l-imħabba ta' Alla għalihom.

Din is-sena ta' pandemija li fiha qed ngħixu kienet providenzjali immens. Il-Mulej ġie jżurna ħafna drabi. Tant uċuħ, tant persuni, tant stejjer li, misjuqin mill-Imħabba li Kristu għandu għalina, tajniehom ftit tama vera. Il-Mulej jikteb fina u bina l-ktieb li għad jinġabar fl-istorja tal-imħabba meta wara li nħallu warajna t-teżori li jittieklu bil-kamla u s-sadid ninġabru ngawduh u nagħtuh glorja għall-eternità.

**Ħajr**

Nixtieq irrodd ħajr minn qalbi lil dawk kollha li tul iż-żmien b'xi mod kellhom sehem fl-idea, fit-tfassil u fil-ġbir tal-informazzjoni biex din ir-rivista tul l-istorja setgħet tkun ta' servizz għall-Parroċċa tagħna, għall-Knisja u għas-soċjetà. L-Arċiprieti ta' qabli, kif ukoll tant lajċi li wħud minnhom marru jiltaqgħu mal-Mulej, kienu strumentali biex din ir-rivista tinbena bħal mafkar ta' x'għamel il-Mulej mal-komunità u permezz tal-komunità Ġorġjana.

Minn qalbi rrodd ħajr ukoll lill-Bord Editorjali preżenti li b'tant sagrifiċċju jieħu ħsieb bir-reqqa kull pubblikazzjoni, kif nirringrazzja wkoll lil dawk li joffru donazzjonijiet biex din ir-rivista ma tkunx ta' piż fuq il-Parroċċa. Jalla l-Mulej li minnu jibda kollox u kollox fih jintemm jagħtina li nimxu fuq il-passi ta' San Ġorġ lejn is-Sema pajjiżna.



KRONAKA



Mejju – Awwissu 2020

# ALBUM MILL-ĦAJJA PASTORALI



1



2



3



4

1. Matul iż-żmien tal-*lockdown*, il-katekisti u l-Arċipriet żammew kuntatt pastorali ma' ħafna familji u tfal tal-Parroċċa b'Liturġija tal-Kelma ta' Jum il-Mulej li nżammet permezz tal-programm *Zoom* u fiha ngħaqdu bosta tfal u familji mid-djar tagħhom permezz tal-internet. Din baqgħet tinżamm għal bosta Ħdud sakemm il-knejjes f'Ġunju reġgħu fetħu l-bibien tagħhom għall-quddies bis-sehem tal-pubbliku.

2. Fis-7 Ħamis ta' San Ġorġ, nhar il-25 ta' Ġunju, id-djakni ġodda Patri Etienne Gilson OFMCONV u Andrew Grima, li t-tnejn jagħtu servizz pastorali fil-Parroċċa, waqt quddiesa fil-Bażilika raddew ħajr lil Alla u lil San Ġorġ għall-Oridnazzjoni Djakonali tagħhom ftit jiem qabel.

3. Bi tħejjija għall-Festa titulari, fid-9 ta' Lulju Patri Marcello Ghirlando OFM mexxa Ċelebrazzjoni Penitenzjali fil-Bażilika li fiha bosta konfessuri kienu disponibbli għall-qrar.

4. Fit-tieni jum tan-Novena ta' San Ġorġ, fil-11 ta' Lulju, il-quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa kienet tinkludi l-Vestizzjoni ta' tliet abbatini ġodda: Jaydon Farrugia, Jurgen Mercieca u Beppe Vella.



5

5. Iċ-ċelebrazzjoni tal-Konfirmazzjoni fil-Bażilika nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju kienet l-aħħar waħda li tmexxiet minn Mons. Mario Grech bħala Ragħaj tad-Djoċesi ta' Għawdex.

6. Il-qofol tal-Festa ta' San Ġorġ 2020, li bi grazzja tas-Sema, f'nofs perjodu ta' pandemija, ingħatajna li niċċelebraw anki bil-Purċissjoni tal-istatwa titulari, kien dak li fih ix-xbieha tal-Patrun ta' Għawdex twaqqfet fuq palk fit-Tokk fejn sar Att ta' Affidament lil San Ġorġ biex iħarisna mill-mard. F'Jum San Ġorġ l-Arċipriet ħabbar ukoll il-Proġett parrokkjali ġdid *Fejn hu Ħuk?* imnebbaħ mill-Opri tal-Ħniena.

7. Fis-27 ta' Lulju nżamm fil-Bażilika l-Funeral ta' wieħed mis-saċerdoti għeżież tal-Parroċċa: Mons. Coronato Grima.



7



6

FESTA



# MILL-ALBUM TAL-FESTA













ATTWALITÀ

# IL-BELT VICTORIA IL-200 ĦARĠA

Il-Kan. Geoffrey George Attard

Ir-rivista parrokkjali *Il-Belt Victoria* taf il-bidu tagħha lis-sena 1981. Kien waqt laqgħa li kienet saret bl-għan li ttejjeb il-ħajja pastorali tal-Parroċċa ta' San Ġorġ, ippreseduta minn Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u li fiha kien preżenti wkoll l-Arċipriet Mons. Emmanuel Mercieca, li ġie deċiż li l-Parroċċa jkollha l-leħen tagħha. Wara li saret il-laqgħa, l-Arċipriet kiteb hekk fl-ewwel ħarġa tar-rivista: "Fi Frar li għadda fid-Dar Stella Maris fiż-Żebbuġ, Għawdex, żammejna seminar. Iltqajna flimkien: Arċipriet, bosta saċerdoti, seminaristi, delegati ta' sorijiet u kważi tal-għaqdiet kollha fi ħdan il-parroċċa. Ippresieda Mons. Isqof. L-għan kien biex nistudjaw x'nistgħu nagħmlu aktar għall-ġid tal-ħajja parrokkjali. Wieħed mir-riżultati tas-seminar kien *il-ħruġ ta' rivista, anki ċkejkna, kull xahar jew xahrejn, biex inżommu kuntatt mal-parruċċani kollha*". Fl-istess ħarġa, l-Isqof Cauchi wkoll kien kiteb kelmtejn dwar il-bidu tar-rivista u kien qal hekk: "Din ir-rivista ppubblikata ta' kull xahrejn żgur li tkun ta' siwi kbir jekk *tipprova ddawwal il-qarrejja dwar il-problemi* li semmejna u tieħu l-impenn li *twasslilhom risposta aġġornata u f'waqtha* għad-dubji



IL-BELT VITTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

No. 1 LULJU - AWISSU 1981

EDITORJAL

Illum, b'wiċċna minn quddiem, qegħdin inħabbtulkom il-bieb ta' djarkom u nitolbukkom tilqgħuna. Żgur li l-ewwel mistoqsija li tberren f'moħħkom ser tkun: "Għaliex ġiet stampata din ir-Rivista?" Għandkom raġun tagħmlu din il-mistoqsija, u aħna, konvinti mis-sogħol li għalna għalih, inħossuna fid-dmir li nweġbukom.

Il-Parroċċa ta' SAN ĠORĠ, hija parroċċa ħajja u attiva u l-bibien tagħhom huma miftuħa beraħ minn qabel sbiħ il-jum sa' tard bil-lejl. Fiha eluf ta' nies isibu l-kumdità kollha li jistennew f'dik li hi amministrazzjoni ta' sagramenti u affarijiet oħra bħal dawn.

Biss ma nistgħux inserrħu moħħna b'daqshekk. Il-komunità parrokkjali tagħna hija mifruxa mal-erbat irjieħ tar-Rabat, u ħafna huma dawk li għalkemm jifformaw parti mill-komunità parrokkjali tagħna jinqdew bi knejjes oħra iżgħar aktar qrib lejn djarhom. Minħabba f'hekk qed jgħaddi xi żmien minn meta jkunu żaru l-Knisja tagħna.

B'din is-sitwazzjoni quddiem għajnejna, ħassejna l-ħtieġa ta' din ir-rivista, sabiex isservi ta' ħolqa bejn il-parroċċa tagħna u l-membri kollha tal-komunità parrokkjali, kemm dawk li joqogħdu viċin kif ukoll dawk li huma mxerrda mar-Rabat kollu. Permezz tar-rivista ser inwasslulkom dak kollu li l-parroċċa tagħna tixtieq twassal go djarkom, sabiex il-leħen tagħha jidwi f'widnejn il-membri kollha, kemm kbar u kemm żgħar u b'hekk kemm aħna nħossuna ħaġa waħda.

Hu l-ħsieb tagħna li din ir-rivista Ġorġjana tkun formattiva u informattiva. Aħna nweghdukom li nagħmlu ħilitna kollha biex kull darba li nħabbtulkom l-bieb naghtukom materjal mill-aqwa miktub minn nies ta' l-affari tagħhom, nies li bħalna huma konvinti bl-importanza li għandha l-Parroċċa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria.

U nistennew mingħandkom huwa biss li
* taċċettawna
* taqraw dak li nwasslulkom
* tgħinuna biex din il-ħolqa ġdida tikber u tissaħħaħ u torbotna dejjem iżjed flimkien.

SAN ĠORĠ MARTRI

WASLET IL-FESTA

Kull meta jibda riesaq ix-xahar ta' Lulju, il-qalb ta' kull Ġorġjan tibda tħabbat bil-qawwi u go fiha tħoss bħal ferħ u entużjażmu speċjali. U bir-raġun, għaliex fit-tielet Ħadd ta' dan ix-xahar, il-Parroċċa tagħna tiċċelebra b'sollennità kbira l-festa tal-Patrun t'Għawdex SAN ĠORĠ MEGALOMARTRI.

Dan il-ferħ speċjali li jħossu jimlieh fi qlubhom il-Ġorġjani kollha f'dan iż-żmien tas-sena, jinfirex mal-gżira Għawdxija kollha u jibqa' sejjer ukoll sal-gżira l-oħra qrib tagħna, Malta. Dan jixhduh il-mijiet ta' nies li jiġu għall-festa tagħna minn kull rokna ta' Għawdex u Malta.

u għad-diffikultajiet li jiġuhom in konnessjoni mal-ħajja Nisranija tagħhom". Kemm il-messaġġ tal-Arċipriet, kemm dak tal-Isqof djoċesan, it-tnejn jagħmluha ċara li l-għan li għalih twaqqfet din ir-rivista kien wieħed primarjament pastorali. F'soċjetà li kienet għadha ma skoprietx l-internet, il-kelma stampata kellha rwol aktar ċar u distint, liema rwol, imqar jekk inbidel, ma ntilifx għalkollox.

**Twessigħ tal-għan ewlieni**

Ir-rivista *Il-Belt Victoria* ġiet għall-ewwel darba f'idejn il-pubbliku permezz tal-ewwel ħarġa li ġġorr id-data ta' Lulju-Awwissu 1981. Fid-dawl tal-fatt li t-tielet Ħadd ta' Lulju jfakkarna fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa titulari ta' San Ġorġ, kien jagħmel sens li l-ewwel ħarġa tkun varata matul il-perjodu tas-sajf sabiex tiswa bħala stimolu għall-ħarġiet ta' wara. Dakinhar, ir-rivista ħarġet mifruxa fuq tmien paġni u fl-ewwel paġna spikka dak li nistgħu nsejħulu l-logo oriġinali tar-rivista bil-Bażilika ta' San Ġorġ fl-isfond fuq in-naħa ta' fuq u ritratt tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ. Hekk ittieħed l-ewwel pass fl-istorja ta' rivista li issa waslet għall-mitejn ħarġa tagħha.

Jekk oriġinarjament l-iskop tar-rivista kien wieħed purament spiritwali, nistgħu ngħidu li matul is-snin dan l-għan twessa'. Tul il-medda taż-żmien, ir-rivista libset libsa kulturali u bdew jidhru fiha mhux biss artikli ta' natura spiritwali jew pastorali, imma wkoll artikli ta' natura storika, soċjali u kulturali. Ir-rabta tar-rivista mas-Soċjetà Filarmonika La Stella hija waħda li ma tistax tiġi injorata; għaldaqstant, minn żmien għal żmien, ir-rivista bdiet twassal ukoll lill-qarrejja dak kollu li jkun qed iseħħ fil-Każin tas-Soċjetà u attivitajiet ewlenin tal-banda li b'kuntratt speċjali li jmur



Jiktbilna l-Prof. Ġużè Aquilina

ID-DIVORZJU:
Sfida diretta kontra Ġesù Kristu

Malta qed tinbidel għall-aħjar jew għall-agħar? Għaddejjin mid-dlam għad-dawl jew mid-dawl għad-dlam? Għal ħafna, progress ma jfissirx ħaġa oħra ħlief tarmi ħwejjġek u tiddandan bi ħwejjeġ ħaddieħor. Malta illha għaddejja minn proċess ta' kopjar. Qegħdin nikkupjaw il-barranin biex inkunu progressivi; qegħdin nisfhu minn drawwiet misserijietna u qed narmu biċċa biċċa l-wirt li ħallewlna.

Kopjar servili

Fil-proċess ta' kopjar servili, xi wħud donnhom lesti biex jarmu ż-żwieġ bħala sagrament u jisfidaw direttament lil Kristu li qal, ċar u tond, li dak li Alla jgħaqqad (mara u raġel fiż-żwieġ) l-ebda bniedem ma jista' jħoll. Kelma t'Alla għal min jemmen fih! Qed inwebblu lin-nisa u l-irġiel tagħna bid-divorzju. Id-divorzju hu sfida diretta kontra Ġesù Kristu li għamel iż-żwieġ rabta sagramentali li ma tinħallx ħlief bil-mewt.

Il-manija ta' kupjar li daħlet hawn Malta qed twas-

kmand kbir. Tertiljanu jgħid li min jikisru jmur kontra r-rieda t'Alla għax Hu biss jista' jifred ir-raġel minn martu kif Hu għaqqadhom fiż-żwieġ. U jifriedhom mhux bil-metodu iebes tad-divorzju li hu kkundannat bħala abbuż kontra l-liġi, imma bid-destin tal-mewt.

Minn kliem Tertulljanu, kittieb nisrani tat-tielet seklu wara Kristu, naraw li d-divorzju huwa mostru xiħ li ilu jipprova jirvina l-għaqda taż-żwieġ bħala sagrament.

Kittieb ieħor nisrani tar-raba' seklu wara Kristu, Lactantius kiteb: "Raġel ikun ħati ta' adulterju jekk hu jiżżewweġ mara divorzjata u l-istess jekk hu jiddivorzja lil martu biex jiżżewweġ amra oħra".

Is-Separazzjoni

Imma waqt li l-Knisja dejjem ikkundannat id-divorzju, ammettiet is-separazzjoni għal kawża serja meta l-

KAMPANJA
ANTI-SOĊJALI
ANTI-FAMILJA
ANTI-MALTIJA

lura għas-sena 1882 ħadet f'idejha l-organizzazzjonijiet esterni tal-Festi ta' San Ġorġ Martri. Ir-rivista għamlet żmien tieħu ħsieb ixxandar ukoll dak kollu li jiġri fil-parroċċa fejn tidħol l-amministrazzjoni tas-sagramenti tal-Magħmudija, il-Griżma tal-Isqof u l-Ewwel Tqarbina, kif ukoll il-lista ta' dawk li jkunu ħallewna biex hekk isservi ta' katina bejn il-parruċċani kollha kif ukoll mal-bosta emigranti li jgħixu lil hinn mix-xtut tagħna.

**Kitbiet minn awturi stabbiliti**

Ir-rivista gawdiet ukoll minn kitbiet jew opinjonijiet ta' kittieba stabbiliti. Hekk fost l-oħrajn irrid insemmi artiklu tal-Professur u poeta Oliver Friggieri bl-isem "Sehem Għawdex fil-kultura nazzjonali" li deher fil-ħarġa numru 4. Irrid insemmi wkoll il-kitba ta' Dr Joe Zammit Ciantar bl-isem "L-ismijiet tal-postijiet u s-seħer tagħhom", artiklu b'togħma biblika li deher fil-ħarġa numru 5. Ta' xeħta aktar pastorali kien artiklu bl-isem "Ix-xjuħ u l-familja" tal-Professur M. Eminyan SJ li deher fil-ħarġa numru 9. Il-mibki Professur Ġużè Aquilina kiteb l-artiklu "Id-Divorzju: Sfida diretta kontra Ġesù Kristu" li deher fil-ħarġa numru 12. Anki l-poeta Qormi Ġużè Cardona kien kiteb artiklu bl-isem "L-isbaħ virtù l-Maħfra" fil-ħarġa numru 13. Aktar qrib lejn żminijietna, ma nistax ma nsemmix il-kitbiet tal-istoriku Slimiż is-Sur Winston L. Zammit – li llum m'għadux magħna – u l-artikli tas-Sur Fabian Mangion, awtur ieħor tal-istorja li m'għandu bżonn ta' ebda introduzzjoni. Ma' dawn irrid insemmi lis-Sur Noel Micallef li minn żmien għall-ieħor ukoll jagħtina artikli riċerkati b'rabta mal-parroċċa.

**Ħarġiet speċjali: Żjarat Papali u żewġ Ċentinarji**

Lejn tmiem is-sena 1989 ġie mħabbar li l-Papa Ġwanni Pawlu II kien se jżur il-gżejjer Maltin. Fil-ħarġa numru 51 ingħatat prominenza lil din l-aħbar billi fl-ewwel paġna ta' dik il-ħarġa dehret nota bl-isem "Il-Papa ġej Malta" u ritratt tal-Papa Pollakk b'idejh miftuħa. Kellha tkun imbagħad il-ħarġa numru 54 li ddedikat l-ewwel faċċata tagħha lil ritratt kbir tal-Papa. Il-paġni tan-nofs taw prominenza lil din il-ġrajja b'artiklu bl-isem "Iż-Żjara tal-Papa f'pajjiżna". L-artiklu mifrux fuq żewġ paġni ma kienx jinkludi l-isem tal-awtur. Madankollu rridu ngħidu li matul il-parrokkat ta' Mons. Salv Borg, dan l-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna kien jiddedika ħafna ħin għal din ir-rivista li tant kien jemmen fiha u bosta artikli mingħajr isem li dehru f'*Il-Belt Victoria* bejn l-1986 u l-1997, is-snin li fihom kien Ragħaj tal-Parroċċa, ħarġu żgur mill-pinna tiegħu. Studju aktar dettaljat tal-istil tal-mibki Mons. Borg ikun jista' jirrivela liema artikli ħarġu mill-pinna tiegħu; hu kellu stil pastorali sabiħ u mexxej li kien jispikka tassew, kif jidher ukoll mill-messaġġi tiegħu f'kull ħarġa!

Kważi iktar prominenza ngħatat liż-żjara ta' Benedittu XVI f'April 2010, fejn għalkemm il-Papa ma rifisx fuq Għawdex, imma l-Parroċċa Ġorġjana kellha rwol importanti b'diversi modi. Forsi l-aktar wieħed li jispikka kien l-użu tas-sett gandlieri tal-fidda tal-Festa ta' San Ġorġ li ntramaw fuq l-altar tal-Papa għall-quddiesa fuq il-Fosos tal-Furjana.

Ħarġa oħra importanti – forsi wkoll l-ewwel waħda verament speċjali fost kollha – kienet dik ta' April-Lulju 1984. L-Arċipriet ta' dak iż-żmien kien Mons. Emmanuel Mercieca. Fis-sena 1984, kemm f'Ħal Qormi u kemm fir-Rabat, Għawdex, saru festi speċjali sabiex ifakkru s-Sbatax-il Ċentinarju mit-Twelid tal-Martri San Ġorġ. Id-data attribwita lit-twelid tal-qaddis kienet ikkalkulata mill-istudji li għamel il-Librar tal-Vatikan Mons. Dante Balboni li huwa l-awtur tan-nota aġjografika dwar il-qaddis fil-*Bibliotheca Sanctorum* tal-Vatikan. Il-ħarġa speċjali ta' dakinhar tinkludi diversi ritratti tal-festi ċentinarji, taż-żewġ kardinali li onorawna bil-preżenza tagħhom, u tad-diversi diskorsi u indirizzi li saru matul dawk il-ġranet speċjali ta' tifkira. Ma nistax ma nsemmix il-poema ta' Ġorġ Pisani bl-isem "Splenduri", versi miktuba apposta għaċ-Ċentinarju Ġorġjan mill-poeta taż-żgħożija u tal-istorja. Irrid insemmi wkoll id-diskors taċ-Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ li kien sar fl-1903 miktub mill-Isqof djoċesan Mons. Fra Giovanni Maria Camilleri. Jibqgħu storiċi l-kelmiet ċentrali ta' dak id-diskors li huma, ikkwotati bit-Taljan, dawn li ġejjin: *"Noi parliamo più particolarmente a voi figli di questa Città, perche Giorgio è il vostro Patrono particolare, ma parliamo ancora a voi tutti fedeli della Nostra Diocesi che per riguardo si all'origine delle vostre Parrochie, sia ai vostri interessi speciali in questa Città, conviene che onoriate il Titolare di questa Chiesa donde vi proviene tanto bene spirituale"*. It-traduzzjoni għall-Malti ta' din is-silta kienet tqiegħdet fuq irħama fis-sagristija tal-Bażilika fuq inizjattiva tal-Arċipriet Mons. Dr Ġużeppi Farrugia sabiex tkun tista' tinftiehem aħjar u hija prova ċara tal-maternità parrokkjali li tgawdi f'Għawdex il-Parroċċa ta' San Ġorġ.

Kien imbagħad fis-sena 2003 li ġie mfakkar is-Sbatax-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ. F'dik is-sena, il-ħarġiet kollha tar-rivista ffukaw fuq din il-ġrajja memorabbli mfakkra wkoll permezz ta' bolla kommemorattiva maħruġa mill-Istat tal-Vatikan. Il-ħarġa numru 134 (Settembru-Ottubru 2003) kienet waħda bil-qoxra ta' quddiem u wara bil-kulur


NEWSPAPER POST
IL-BELT VICTORIA
Pubblikazzjoni bimensili tal-bażilika protoparrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex
MEJJU – ĠUNJU 2010
Nru 174

SAN ĠORĠ IQARRIBNA LEJN KRISTU

Inmutaw f'dan ir-ritratt mill-Quddiesa tal-Papa Benedittu XVI fuq il-Fosos tal-Furjana, nhar il-Ħadd 18 ta' April 2010, fil-għodu, ix-xbieha ta' San Ġorġ imnaqqxa fuq riġel il-gandlier, qrib l-Ewkaristija ċċelebrata mill-Papa. Tfakkarna kemm tassew Ġorġi tagħna jqarribna lejn Kristu Rebbieħ, is-Sultan tagħna...

u miżgħuda b'artikli mill-iktar interessanti dwar San Ġorġ Martri. Il-ħarġa ta' qabilha (133) ukoll kienet waħda speċjali. F'dik is-sena, il-Purċissjoni ta' San Ġorġ kienet saret filgħodu u niżlet tajjeb ħafna mal-poplu tagħna li għal San Ġorġ, il-mimmi ta' għajnejh, jagħmel kollox. It-tifkira ħajja ta' dawn il-festi ċentenarji li ngħataw sura ekumenika bl-inizjattiva tal-ħabrieki Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia għadha qawwija fil-qlub u fl-imħuħ ta' dawk kollha li għexu dawn il-mumenti speċjali u singulari.

Ħarġiet oħra speċjali kienu dawk numru 148 iddedikata lill-Isqof il-ġdid ta' Għawdex Mons. Mario Grech u dik numru 156 iddedikata lill-ewwel qaddis Malti kkanonizzat u rikonoxxut minn Ruma, is-saċerdot San Ġorġ Preca, fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija. Il-ħarġa numru 158 (Settembru-Ottubru 2007) kellha fil-faċċata tagħha ritratt sabiħ tal-Papa Benedittu XVI maż-żewġ Arċiprieti tar-Rabat, Mons. Ġużeppi Attard u Mons. Pawl Cardona. Il-ħarġiet li fakkru l-bidu tal-parrokat ta' Mons. Salv Borg, Mons. Ġużeppi Farrugia, Mons. Pawl Cardona u Mons. Joseph Curmi lkoll nistgħu nqisuhom bħala speċjali.

**Ir-rivista bħala reġistratriċi tal-Istorja**

Li kieku ma kinux ir-rivisti parrokkjali, il-bullettini ta' kull ġimgħa u dan l-aħħar, is-siti elettroniċi tal-parroċċi tagħna, kieku diversi ġrajjiet jintesew għalkollox. Tiġini f'moħħi hawnhekk il-ġrajja tat-twaqqif tar-Radju tal-komunità bl-isem *Leħen il-Belt Victoria* fuq inizjattiva tal-Arċipriet Farrugia fis-sajf tas-sena 1999. Dun Effie Masini kiteb fit-tul dwar din il-ġrajja fl-artiklu tiegħu bl-isem "Il-Preistorja ta' Leħen il-Belt Victoria" fil-ħarġa numru 169 (Lulju-Awwissu 2009), f'għeluq l-għaxar snin tar-radju komunitarju. Ta' min hawnhekk jgħid li fl-1958, fil-Parroċċa ta' San Ġorġ, kien twaqqaf ġurnal bl-istess isem, li kien dam biss joħroġ għal ftit tas-snin.

Filwaqt li l-artikli kollha ta' natura storika għandhom l-importanza tagħhom, jispikkaw xi kitbiet studjati li wieħed irid jieqaf ftit fuqhom. Għandi f'moħħi l-artikli riċerkati tas-Sur Toni Farrugia li għal bosta snin issa ilu jaħdem ukoll fuq l-Arkivju tal-Parroċċa; il-kitbiet tiegħu jistħoqqilhom li jissemmew b'mod partikulari. Xejn inqas importanti huma l-istudju tal-Professur Horatio C.R. Vella bl-isem "Il-Kuntratt tat-Twaqqif tal-Erba' Parroċċi" (195-197) li jikkonsisti fit-traduzzjoni mil-Latin tad-dokument oriġinali tat-twaqqif tal-parroċċi fis-sena 1688-1689. Din hija l-ewwel darba fl-istorja li dan id-dokument ġie maqlub għal ilsienna minn persuna professjonali esperta fl-ilsien Latin u permezz ta' din ir-riċerka ġie kkonfermat li l-Parroċċa ta' San Ġorġ kellha sehem ewlieni fit-tnissil ta' dawn il-parroċċi u jixirqilha li tissejjaħ "Ko-Matriċi" tagħhom.

**Werrej ġenerali għar-rivista**

Fil-ħarġa numru 21 tar-rivista, il-Ġiżwita Fra Ġwann Azzopardi SJ niseġ werrej ġenerali li mhux biss inkluda l-artikli li kienu dehru fir-rivista sa dakinhar, imma ġabar ukoll il-kitbiet li dehru fil-fuljett bl-isem *Il-Bażilika Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri* li kien joħroġ bejn l-1975 u l-1981. Aktar tard, Francesco Pio Attard, membru fuq il-Bord Editorjali, ħadem fuq werrej kronoloġiku mifrux fuq il-ħarġiet kollha tar-rivista,












mill-bidu nett sal-lum. Li taħdem fuq werrej, aktar u aktar wieħed kronoloġiku, huwa biċċa xogħol kbira li titlob ħafna sabar u sens metikoluż fil-ħidma.

**Vuċi għal-letteratura lokali**

Rivista bħalma hi *Il-Belt Victoria* ma tistax ma tiġbidx l-attenzjoni ta' poeti stabbiliti u oħrajn mhux daqstant magħrufa, li ppubblikaw xogħlijiet tagħhom fiha. Il-figura tal-qaddis martri Patrun tagħna San Ġorġ hija fost l-ewlenin li ispirat lil diversi poeti u awturi ta' versi mqabbla sabiex jippubblikaw xogħlijiet fiha. Poeti rinomati bħal Ġorġ Pisani, Mons. Giuseppe Farrugia Gioioso, Mary Meylak, il-Kan. Joe Mejlak, Charles Bezzina u oħrajn bħall-qatt minsi Kan. Nikol Vella Apap, il-Kav. Joe M. Attard, Frank Mercieca, Fra Ġorġ Grech ocso, Ġorġ Caruana, Joe Formosa, Raymond Caruana, Francesco Pio Attard, il-Kan. Simon M. Cachia u l-Kan. Geoffrey G. Attard kollha kitbu fiha.

**Enċiklopedija Ġorġjana**

Mons. Ġużeppi Gauci huwa l-awtur ta' għadd kbir ta' artikli dwar San Ġorġ fl-oqsma tal-Liturġija u s-Santi Padri; kitbietu huma mifruxa fid-diversi ħarġiet tar-rivista. Aktar riċenti, Patri Martin Micallef OFMCAP u Patri Noel Muscat OFM, żewġ Franġiskani li isimhom mhuwiex ġdid fil-qasam tal-letteratura reliġjuża f'pajjiżna, tawna artikli interessanti wkoll b'rabta mal-kult ta' San Ġorġ u l-aġjografija Ġorġjana, kif għamlu wkoll matul is-snin Mons. Dr Ġużeppi Farrugia, li kien Arċipriet tal-Bażilika u wieħed mill-fundaturi tal-Fondazzjoni Il-Belt Victoria u l-Mużew Il-Ħaġar, il-Kan. George J. Frendo u Antoine Vassallo PEP, dwar qaddisin Ġorġjani u dan tal-aħħar fil-qasam tal-filatelija.

**Djarju parrokkjali**

L-istorja ma tikkonsistix biss f'dati u kronaka. Madankollu, l-istorja sseħħ fl-ispazju u fiż-żmien. Għaldaqstant, jiswa mitqlu deheb id-Djarju tal-Parroċċa li jiġi rreġistrat minn ħarġa għal oħra tar-rivista, anki jekk mhux b'mod dejjem regolari. Is-Sur Andrew Formosa, membru tal-Bord Editorjali, jieħu ħsieb dan il-kontribut siewi għar-rivista u b'hekk ma jintilfux il-ġrajjiet eminenti u dawk inqas magħrufa li jinsġu l-ġrajja ta' kuljum tal-komunità parrokkjali, tar-Rabat u anki ta' Għawdex b'mod ġenerali.

**Evalwazzjoni**

Bħal fil-każ ta' diversi rivisti u perjodiċi oħra li ma ħarsu qatt lura, *Il-Belt Victoria* jidher li għandha ġejjieni sabiħ. Dan ma jfissirx li ma kienx hemm diffikultajiet matul is-snin. Matul is-snin inbidlu l-edituri tagħha, tbiddel il-format u ma baqgħetx dejjem tiġi ppubblikata kull xahrejn, jiġifieri sitt darbiet fis-sena. Jidher li kienet l-aħħar ħarġa tas-sena 2001 li bdiet tiġi ppubblikata fuq il-firxa ta' erba' xhur flok xahrejn. Wieħed jifhem li sabiex tippubblika rivista b'mod regolari, dan jirrikjedi mhux biss spejjeż imma anki tim ta' persuni ddedikati sabiex jagħmlu dan. Mhux dejjem ikun possibbli li wieħed ikollu dawn ir-riżorsi għad-dispożizzjoni tiegħu. Fis-sena 2014 ħarġet ħarġa waħda biex tkopri s-sena kollha. Għas-snin 2015 u 2016 ħarġet ħarġa waħda biss biex tkopri s-sentejn. Imbagħad, mis-sena 2017 'il quddiem, il-Bord Editorjali ddeċieda li jibda jippubblika r-rivista darba kull erba' xhur, jiġifieri tliet darbiet fis-sena. Madankollu, matul dawn l-aħħar snin, fuq inizjattiva tal-istess Bord Editorjali ħabrieki tar-rivista, *Il-Belt Victoria* ngħatat dehra tassew sabiħa u r-ritratti bil-kulur jiddominaw f'diversi paġni. Dan jawgura tajjeb għall-ġejjieni tar-rivista! Billi mill-bidu r-rivista kienet titqassam b'xejn mal-bullettin lil kull familja fil-parroċċa, l-ispejjeż tagħha mhumiex ftit, u għalkemm dejjem għamlet tajjeb għaliha l-Parroċċa, id-donazzjonijiet ta' benefatturi huma apprezzati mhux ftit.

**Konklużjoni**

F'dinja ddominata mill-internet fejn aħbar ma tieħux aktar minn ftit sekondi biex tasal minn naħa għal oħra tal-globu, li żżomm rivista bħal *Il-Belt Victoria* hija ċertament sfida kostanti. Hija biċċa uġigħ ta' ras għall-Bord Editorjali biex jara li mhux biss ir-rivista jkollha livell għoli fil-preżentazzjoni, imma wkoll kontenut li jiġbed l-attenzjoni tal-qarrejja u jsaħħaħ ir-rabta u l-imħabba tal-parruċċani ma' San Ġorġ. Il-Bord żamm ukoll dejjem f'moħħu li minbarra l-parruċċani, diversi persuni oħra fosthom l-emigranti tagħna jistennew bil-ħerqa r-rivista taslilhom f'darhom, illum permezz tal-internet ukoll. Sabiex iżżomm rivista bħal din għaddejja, kif semmejt aktar 'il quddiem, huma meħtieġa l-virtujiet tal-paċenzja u l-perseveranza kif ukoll dedikazzjoni ħierġa mill-qalb. Ir-rivista issa dalwaqt tinsab dieħla fl-erbgħin sena tagħha. Jidhirli li minkejja l-ispirazzjoni parrokkjali tagħha, l-edituri tar-rivista fittxew dejjem li l-verità, l-onestà u t-trasparenza jkunu fost il-kriterji li fuqhom tinbena; id-diriġenti tagħha għamlu dejjem ħilithom biex jevitaw ukoll kull għelm ta' kampaniliżmu jew djuq mentali li aktar jista' jirrita l-qarrejja inkella jwassal il-messaġġ Nisrani. Jalla din ir-rivista tkompli sservi bħala l-leħen tal-Parroċċa ta' San Ġorġ mal-erbat irjieħ tal-globu u tgħaqqad flimkien lill-Ġorġjani kull fejn jinsabu fid-dinja kollha.

---

**Sib li trid minn ġo mitejn ħarġa tar-Rivista *Il-Belt Victoria***

Fittex il-ħarġa li trid onlajn fuq https://issuu.com/il-beltvictoria. Jekk qed tfittex xi artiklu fuq suġġett partikulari, ikkonsulta l-Werrej sħiħ tal-ħarġiet kollha min-numru 1 sa 200 (miġbur minn Francesco Pio Attard) fuq il-Websajt tal-Parroċċa ta' San Ġorġ: www.stgeorge.org.mt/parish-magazine.

# L-ISQOF ĠDID MHUX ‘ĠDID’ GĦAL SAN ĠORĠ



Francesco Pio Attard



Is-sajf tal-2020 ħa nibqgħu niftakruh bħala wieħed partikulari, mhux biss minħabba ċ-ċirkustanzi uniċi tar-restrizzjonijiet tal-Covid-19 li fihom iċċelebrajna l-Festa titulari ta’ Lulju, imma wkoll għax fil-ftuħ tiegħu, proprju fis-17 ta’ Ġunju 2020, Għawdex qam għall-aħbar tant mistennija li l-Papa Franġisku tana Isqof ġdid għad-Djoċesi tagħna fil-persuna ta’ Dun Anton Teuma, saċerdot mix-Xagħra li konna nafuh l-ewwel bħala Rettur tas-Seminarju tagħna (1997-2007) u mbagħad għall-aħħar ħdax-il sena bħala responsabbli mill-Istitut tal-Familja Papa Ġwanni Pawlu II, jew aħjar, Ta’ Kana.

L-aħbar ingħatat min-Nunzju Appostoliku Mons. Alessandro D’Errico u mill-Isqof Mario Grech fis-Santwarju Ta’ Pinu. Sa minn Ottubru li għadda, meta l-Papa kien sejjaħ Ruma lill-Isqof Grech biex ikun Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet, kien beda l-proċess delikat biex il-Knisja f’Għawdex tingħata Ragħaj spiritwali ġdid.

Il-Konsagrazzjoni Episkopali tad-disa’ Isqof ta’ Għawdex saret minn idejn il-predeċessur tiegħu nhar il-Ġimgħa 21 ta’ Awwissu – 22 jum qabel kif ippjanat oriġinarjament – fir-Rotunda ta’ San Ġwann Battista, ix-Xewkija, magħżula minħabba li hi l-aktar knisja spazjuża li setgħet tilqa’ nies bid-distanza soċjali imposta mill-miżuri tal-pandemija.

L-Isqof il-ġdid ta’ Għawdex mhuwiex għalkollox ‘ġdid’ għall-Parroċċa tagħna. Kemm kien ilu Delegat tal-Isqof għall-Pastorali tal-Familja u beda l-kors tal-Mixja bi tħejjija għaż-Żwieġ fil-parroċċi, Dun Anton kien jiġi hu stess imexxi l-laqgħat għall-għarajjes ta’ kull ħmistax nhar ta’ Ħadd filgħodu fis-Sala Parrokkjali. Dan bl-għajnuna tal-kopjji animaturi u sakemm imbagħad bdew jitmexxew mill-Arċipriet Joseph Curmi.

Diġà fil-Festa titulari ta’ San Ġorġ li għaddiet, il-Ħadd 19 ta’ Lulju, kellna l-okkażjoni li nilqgħu fostna bil-ferħ lill-Isqof il-ġdid Teuma meta mexxa l-Pontifikal tas-Solennità u qasam magħna riflessjoni mill-isbaħ dwar San Ġorġ, il-“ġennien” tal-Mulej. Bħala Isqof djoċesan huwa wkoll id-Dekan il-ġdid tal-Kolleġġjata Ġorġjana.



L-E.T. Mons. Anton Teuma, id-Disa’ Isqof ta’ Għawdex.
Ritratt: Djoċesi ta’ Għawdex / CVC Media

Fid-dawl tal-motto li hu għażel għall-ministeru episkopali tiegħu, *“U baqa’ miexi magħhom”* (Lq 24:15), mill-ġrajja tad-dixxipli ta’ Għemmaws, nitolbuh jiqba’ miexi wkoll mal-komunità parrokkjali tagħna biex jgħinna nsinnu s-smigħ tagħna għall-Kelma tal-Mulej u nħalluha tagħmel frott f’ħajjitna.

Lill-Isqof Anton nawgurawlu ħafna barkiet u saħħa fil-ministeru ġdid tiegħu, waqt li nsellmu u rroddu ħajr ukoll lill-Isqof Mario għall-ministeru li wettaq fostna fl-aħħar kważi ħmistax-il sena, fejn ilqajnieh fil-komunità Ġorġjana ħafna drabi bħala t-tieni Dekan tal-Kolleġġjata, xrobna mill-kelma għarfa tiegħu, u għexna mumenti qawwija miegħu li għad ikollna l-okkażjoni nfakkru f’xi ħarġa oħra. Issa nawgurawlu wkoll fil-ħidma ġdida tiegħu. Liż-żewġ Isqfijiet tagħna, *ad multos annos*!



Waqt laqgħa għall-koppji għarajjes fis-Sala Parrokkjali xi snin ilu.



Imexxi l-Pontifikal tal-Festa ta’ San Ġorġ, 18.07.2020.

FESTA



Antoinette Saliba,
Animatriċi tal-Mixja tat-Tħejjija għaż-Żwieġ u l-Familja

# KIEN JIĠI JAGĦMEL IL-LAQGĦAT TAL-GĦARAJJES

F'Lulju 2011 attendejt għal kors dwar il-familja mmexxi minn Dun Anton Teuma. Kien kors ta' tnax-il laqgħa ferm interessanti. Dakinhar Dun Anton talabni nidħol animatriċi fil-Mixja tat-Tħejjija għaż-Żwieġ u l-Familja (MTŻ) fil-parroċċa u aċċettajt. Ikolli nistqarr li ġieli ngħid: "Imma għalfejn aċċettajt?". Il-Ħadd filgħodu bejn id-9.30 u l-11.00 huwa ħin inkrepattiv għal min irid jipprepara l-pranzu tal-Ħadd għall-familja, imma l-ġid li ħadt minn dawn il-laqgħat għall-familja tiegħi jagħmluh *worth it*!

Peress li l-Mixja fil-Parroċċa ta' San Ġorġ għamel xi seba' snin imexxieha Dun Anton stess u aħna l-animaturi konna niltaqgħu miegħu biex nippreparaw l-iskeda, sirt nafu iktar mill-qrib. Fejn jidħlu l-familja u r-relazzjonijiet, Dun Anton jitkellem b'tant għerf u passjoni, xi ħsibijiet tiegħu huma wkoll romantiċi.

Min jaf kemm-il darba laqatni fil-laħam il-ħaj dak li kien jgħid! Drabi oħra kont ngħid: "Jaħasra, mhux li kien dan il-kliem smajtu tletin sena ilu meta kont għadni se nibda l-familja tiegħi!". Ma kontx naqbel li l-mixja għall-għarajjes tkun obbligatorja; jien nemmen li ta' bilfors jibqa' fuq l-istonku. Imma xħin tibda tara biċċa mill-koppji jeħduha tant bis-serjetà u jgħaddu kummenti bħal, "Kieku kien volontarju ma konniex nattendu!", u "X'esperjenza konna nitilfu", indunajt li kellu raġun Dun Anton meta ddeċieda li jagħmlilha obbligatorja.

Kien hemm drabi oħra fejn Dun Anton tkellem dwar problemi soċjali, u jien għedt: "Imma dan qed jesaġera, kif jista' jkun li wasalna s'hawn f'pajjiżna?". Xħin kont immur id-dar u nikkwota x'qal quddiem uliedi żgħażagħ, kienu jgħiduli: "Għaliex qed tistagħġeb, ma?". Dun Anton jaf l-isfidi ġodda li qed tħabbat wiċċha magħhom il-familja. Min jaf kemm stejjer jisma' f'dik il-kamra fejn iqatta' sigħat twal ta' *counselling*, u min jaf kemm familji salva!

Meta f'Ġunju tħabbret il-ħatra ta' Dun Anton Teuma bħala l-Isqof il-ġdid ta' Għawdex, l-ewwel ħsieb tiegħi kien: Xi gwadann għad-Djoċesi! Ippruvajt nimmaġinah fuq il-katedra bil-mitra u l-baklu u ma stajtx, għax jien lil Dun Anton nafu bħalu saċerdot umli, disponibbli biex jaqdi u jservi lil ta' madwaru. Naħseb li l-motto li għażel – "U baqa' miexi magħhom" – huwa xhieda li dak li għex Dun Anton fis-saċerdozju tiegħu bi ħsiebu jibqa' jwettqu fl-episkopat. Dejjem insista li l-laqgħat tal-għarajjes insejħulhom mixja, għax il-ħajja hija mixja kontinwa… miskin min jieqaf, u biex ma negħjewx ilkoll għandna bżonn akkumpanjament.

Meta dakinhar tal-Ordinazzjoni Episkopali rajt lill-Isqof il-ġdid bilqiegħda b'rasu baxxuta bil-baklu tal-injam f'idejh assoċjajtu mar-Ragħaj it-tajjeb li l-bastun tiegħu jużah mhux biex isawwat xi nagħġa mqarba imma biex jiġbed lejh dawk in-nagħaġ li, għax kemxejn avventurużi, tbiegħdu mill-merħla u qegħdin fil-periklu.

L-Isqof il-ġdid jemmen fil-formazzjoni kontinwa. Għalhekk inħeġġeġ lilkom li qed taqraw biex tippruvaw tattendu għal xi waħda mill-ħafna laqgħat ta' formazzjoni li jsiru fil-parroċċa. Jemmen ukoll fis-sehem tal-lajċi fil-Knisja. Nappella lil dawk kollha li jħobbu ta' veru lill-Patrun tagħna San Ġorġ biex tkunu lesti li tagħtu daqqa t'id, kulħadd skont il-kapaċità tiegħu, ħalli l-ferħ tal-Vanġelu jasal għand kulħadd.



L-Isqof il-ġdid bilqiegħda fuq is-sedja tiegħu wara l-Konsagrazzjoni Episkopali fir-Rotunda tax-Xewkija, 22.08.2020.
Ritratt: Djoċesi ta' Għawdex / Anthony Grech

# DAK LI JIEĦU ĦSIEB IL-ĠNIEN




L-E.T. Mons. Anton Teuma
Isqof-maħtur ta' Għawdex

Omelija fil-Festa titulari ta' San Ġorġ Martri
*Bażilika ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria*
*Il-Ħadd 19 ta' Lulju 2020*

Il-Festa t-tajba lil kulħadd!

Nixtieq dalgħodu nistedinkom biex induru lejn San Ġorġ u nagħmlulu mistoqsija, l-istess waħda li kienet għamlet Marija ta' Magdala meta kienet tfittex lil Ġesù mingħaliha li kien mejjet: "Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu u jiena nġibu lura?" (Ġw 20:15). Din il-mistoqsija Marija ta' Magdala għamlitha lil dak li kien jieħu ħsieb il-ġnien. Hekk fil-Grieg ma għandniex l-isem *georgos* imma għandna terminu simili, "dak li jieħu ħsieb il-ġnien". U l-mistoqsija dalgħodu trid tkun: Fejn hu l-Mulej għalik, San Ġorġ? Min hu l-Mulej għalik, żagħżugħ qalbieni? Min hu l-Mulej għalik, int lil tajt ħajtek? Min hu l-Mulej għalik, int li ħabbejt ħafna, int li kont qawwi fil-qadi, qawwi fl-imħabba? Min hu l-Mulej għalik?

Jekk jirnexxilna b'xi mod inwieġbu għal din il-mistoqsija, il-festa tagħna tista' tidħol dejjem fil-fond tal-qalb ta' kull wieħed u waħda minna. U aktar ma l-Mulej jidħol fil-qalb tagħna kif kien fil-fond tal-qalb u f'kull kantuniera tal-ġisem ta' Ġorġi, iktar inkunu nistgħu ngħidu li qed nagħmlu festa. Hekk żgur li San Ġorġ ma kellu l-ebda diffikultà li jgħid: "Il-ħajja għalija hi Kristu. Mhux jien ngħix imma Kristu jgħix fija" (ara Fil 1:21; Gal 2:20). Żgur li ma kellux diffikultà San Ġorġ li jgħid: "Il-mewt għalija hi rebħ". Għalina dan ġenn! Aħna nagħmlu kulma nistgħu biex nevitaw il-mewt.

Intom tafu x'aħna niċċelebraw dalgħodu? Qegħdin niċċelebraw bniedem żagħżugħ mimli ħajja li jagħti ħajtu, li jmut martri. Il-maqlub ta' kif timxi s-soċjetà llum. Illum, jekk tinnutaw, bix-xjenza kollha… ħudu l-mediċina biss, din x'tipprova tagħmel? Tbiegħed kemm jista' jkun il-mewt. Imbagħad jiġik dan iż-żagħżugħ li qed nagħmlu festa tiegħu u jgħidilna li l-mewt hi rebħ. Xi tfisser din? "Jekk il-ħabba tal-qamħ li taqa' fl-art ma tmutx, tibqa' waħedha. Imma jekk tmut, din tagħmel ħafna frott" (ara Ġw 12:24).

Dalgħodu qed niċċelebraw imħabba kbira. Qed niċċelebraw l-imħabba ta' dak li qed jieħu ħsieb il-ġnien. Hu interessanti ħafna, għaliex sa mill-bidu tal-ħolqien fl-Iskrittura aħna nsibu li l-Missier, il-Ħallieq, jippreżenta ruħu bħala dak li jieħu ħsieb il-ġnien: *georgos*. U joħloq is-sema u l-art. Jgħidilna l-ktieb tal-Ġenesi li Alla l-ewwel ħalaq id-dlam u d-dawl. Mhux għax veru ġara hekk xjentifikament, imma għax dik id-deskrizzjoni tal-awtur tal-Ġenesi għandha ħafna x'tgħallimna – mhux xjenza, mhux kif saret id-dinja, imma x'inhu s-sinifikat ta' kulma huwa maħluq, tal-bniedem, xi jfisser il-bniedem għall-Ħallieq. U allura l-ewwel ħalaq id-dawl u d-dlam, imbagħad ħalaq il-medda ta' fuq u l-medda ta' taħt… U jibqa' nieżel l-awtur tal-Ġenesi, minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq, sa xħin jasal fin-nofs. Alla joħloq it-tjur tal-ajru, il-ħut tal-baħar u l-annimali li jitkaxkru fuq l-art. Alla joħloq il-ħaxix żgħir u baxx, imma wkoll is-siġar l-għoljin. Alla joħloq iż-żrigħ. Imma fin-nofs tal-ħolqien, fiċ-ċentru tal-ħolqien, Alla joħloq lill-bniedem. Fiċ-ċentru ta' dan il-ġnien hemm il-bniedem – dak li jieħu ħsieb il-ġnien – li huwa l-bniedem stess, *georgos*. U lil dan il-bniedem Alla jagħmlu "fuq ix-xbieha tiegħu", jgħidilna l-awtur tal-Ġenesi.

Kemm hi sabiħa din ir-realtà, din il-verità! Alla joħloq lill-bniedem, "bin Adam", li la hu raġel u lanqas mara – anzi, hu raġel u mara – ir-relazzjoni, biex ikun ritratt u xbieha tal-Ħallieq. Ir-relazzjoni tagħkom, għeżież miżżewġin, hija ritratt tal-Ħallieq, ta' Alla, bl-imperfezzjonijiet, bid-dgħufijiet, bid-diffikultajiet kollha li tgħixu fil-ħajja ta' kuljum. Dik hija ritratt – xbieha ta' Alla, *georgos*, dak li jieħu ħsieb il-ġnien. U Alla poġġa lill-bniedem biex jieħu ħsieb il-ġnien.

Għadna nieħdu ħsiebu l-ġnien? Għadu fin-nofs il-bniedem? Għadu fiċ-ċentru tal-ħolqien il-bniedem? Ejjew nirriflettu ftit b'sempliċità dalgħodu. Kemm nieħdu gost meta titwieled tarbija! Kemm nieħdu pjaċir, kemm nistennew, kemm inbatu – forsi llum aktar minn qabel bil-problema tal-fertilità! U tiġi t-tarbija u nżommuha fiċ-ċentru – bħall-bniedem fiċ-ċentru tal-ħolqien. Tant li l-psikologi jgħidulna illi mal-età bejn wieħed u ieħor ta' sentejn, tlieta, it-tifel jew it-tifla jħossuhom fuq il-quċċata tad-dinja. Kemm idumu hekk? Ejjew nagħtuhom l-importanza. Ejjew lill-bniedem sa mill-bidu nett nippruvaw nagħtuh l-importanza tiegħu. Qegħdin nirrispettaw lill-bniedem sa minn qabel ma jitwieled? Nafu bil-liġijiet illi saru m'ilux madwarna, bħall-Amerika f'ċerti stati u fl-Awstralja dan l-aħħar, dwar l-abort.

Imma ħalli niġu għalina. Kif tafu, għal żmien twil jien ħdimt mal-familji, u kemm kienet tolqotni koppja illi tkun tixtieq tarbija! U tiġi din it-tarbija u tibda tikber. U tibda tara l-imħabba tal-omm u l-missier lejn din it-tarbija, lejn dan it-tifel jew it-tifla. Tibda tara l-ħerqa, ix-xewqa li dan it-tifel jew tifla jikbru fl-għożża kollha tal-familja. Imbagħad tinqala' xi ħaġa u b'xorti ħażina dik it-tarbija tintesa, u l-bniedem ma jibqax fiċ-ċentru tal-ħolqien. Fiċ-ċentru jibda jkun hemm l-interessi tiegħi, l-interessi tiegħu, il-flus tiegħu, il-flus tiegħi. Jibdew isiru ħafna affarijiet oħra, u tispiċċa sitwazzjoni mhux biss ta' tbatija kbira għal min ikun qiegħed jinfired, imma sitwazzjoni kbira għal dawk it-tfal.

Tifhmunix ħażin, mhux qed ngħid illi kultant ma jkunx hemm bżonn li koppja tasal biex tgħid 'daqshekk'. Imma ejjew min jasal biex jgħid 'issa daqshekk', ejjew nieħdu ħsieb lil dawk it-tfal, lill-bniedem li hu fiċ-ċentru tal-ħolqien, li sa mill-bidu nett hu *georgos*, il-ħajja, u li jiena ċert li San Ġorġ jirrappreżenta biż-żgħożija, bil-qawwa, bil-milja tal-umanità tiegħu.

U nibqgħu mexjin, bl-adolexxenza. X'jiġri? Imħabbtin bix-xogħol kollha kemm aħna. Għandna raġun. U allaħares mhux hekk! U r-raġel u l-mara għandhom dritt għall-karriera – allaħares mhux hekk! Dritt għall-professjoni – allaħares mhux hekk! Dritt għar-realizzazzjoni – allaħares mhux hekk! Imma x'inhu jiġri? Kollox nagħmlu għat-tfal, imma ma nagħmluhx mat-tfal. It-tfal ma jridux *presents*, imma jridu *presence* – preżenza. It-tfal ma għandhomx bżonn rigali, imma għandhom bżonn tal-ġenituri – tal-missier u tal-omm. Tgħiduli: kif se nagħmlu? Irridu nsibu mod f'din is-soċjetà biex liż-żgħażagħ tagħna nibqgħu nħalluhom fin-nofs tad-dar tal-familja tagħna, tas-soċjetà tagħna. Irridu nsibu mod fis-sitwazzjoni – fil-labirint – tal-ħajja li qegħdin ngħixu, fl-esiġenzi kollha tal-ħajja tagħna, mingħajr ma nħallu, inwarrbu xejn. Imma rridu nsibu mod biex inħallu lill-bniedem fiċ-ċentru.

U nistgħu nibqgħu sejrin... Ħafna drabi l-flus! Aħna tajjeb jew ħażin għadna ħerġin mill-epoka ta' żmien il-gwerra. Tgħidu: m'ilhiex li għaddiet il-gwerra! Imma tafu x'jiġri? Il-mentalità tat-trekkin, li jkolli ħafna, laqtitna ftit jew wisq kollha kemm aħna, anki jekk ma għixniex dak iż-żmien tal-għaks. U għadna ngħixuha llum. Kultant b'periklu għar-rispett tal-bniedem. Kultant irrid inwarrab b'minkbejja lil dak u lill-ieħor biex nitla', ħalli lil dik u lill-oħra niġi qabilhom u ma nirrispettahomx. Żgur li San Ġorġ dan kollu ma jridux. Żgur li *Georgos* – min jieħu ħsieb il-ġnien – dan kollu ma jixtiqux. Żgur li Alla ħalaqna biex inkunu mod ieħor, inkunu aktar kuntenti, aktar sew. Alla ma jrid xejn mingħand il-bniedem, ħlief ħaġa waħda biss: li jkun sew, li jkun kuntent. Alla ma ġiex biex isalvana wara li mmutu, imma biex isalvana llum, fil-ħajja tagħna issa. Alla għamel ġnien għalina u rridu nirrispettawh dan il-ġnien.

Il-*Georgos* per eċċellenza huwa Ġesù Kristu, dak li jieħu ħsieb il-ġnien. Mhux għalxejn Marija ta' Magdala tistaqsi lill-ġardinar – lil dak li jieħu ħsieb il-ġnien – u tgħidlu: "Imma fejn qegħedtu?". Ma għarfitux li kien Ġesù, mibdul f'dak li jieħu ħsieb il-ġnien.

Aħna nafu li l-ġnien fil-Vanġelu għandu sinifikat profond. Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ jerġa' jipprova jirranġa dak li l-bniedem, dak li l-ewwel wieħed li kien jieħu ħsieb il-ġnien, kisser u qered, mingħajr forsi ma nduna, mingħajr ma ried; dak li Adam qered, farrak, kisser. Adam u Eva dan għamluh bin-nuqqas ta' ubbidjenza tagħhom. U Ġesù jidħol fi ġnien ieħor. Ara taħsbu li b'kumbinazzjoni l-evanġelisti jpoġġu lil Ġesù fi ġnien: fil-Ġnien taż-Żebbuġ! Dan biex jerġa' jirrestawra s-sitwazzjoni tiegħu mal-Missier. U dak li Adam qered u kisser, Ġesù jerġa' jirranġah. Mhux għalih biss, imma għal kull wieħed u waħda minna.

"Mhux li rrid jien, imma li trid int" (Mk 14:36). Ibqgħu ċerti li ma hemm ħadd li jixtieq jieħu ħsieb il-ġnien, ikabbru



aħjar, aqwa minn dak li għamlu: l-ewwel wieħed li ħa ħsieb il-ġnien, il-Ħallieq, il-Missier. U allura bir-raġun Ġesù, jekk irid jirranġa s-sitwazzjoni, idur lejn il-Missier u jgħidlu: Imma xi trid? Imma kif tarahom int l-affarijiet? Imma x'tixtieq minni? U jekk aħna rridu nirranġaw is-sitwazzjoni, jekk aħna rridu nieħdu ħsieb il-ġnien bis-sens u bis-serjetà, aħna wkoll irridu nduru fuq il-Missier u ngħidulu: Imma xi trid minna? X'inhi r-rieda tiegħek għalija bħalissa fil-ħajja tiegħi? Għax ilkoll kemm aħna fi ġnien kbir jew fi ġnien żgħir, ilkoll kemm aħna ninsabu bil-mistoqsijiet tagħna, bil-problemi tagħna, bid-diffikultajiet tagħna. U lkoll kemm aħna rridu nistaqsuh lill-Missier u ngħidulu: Imma xi trid minni?

U kultant ir-risposta tiegħu tkun iebsa, bħalma kienet għal Ġesù. U Ġesù qallu: "Mhux li rrid jien, imma li trid int. Biegħdu minni dan il-kalċi. Mhux kif irrid jien, imma kif trid int" (Mt 26:39). Ġesù obda lill-Missier. Għaliex? Ma neħduhiex b'sens ta' sottomissjoni, jew f'sens ta' ubbidjenza għamja. Le. Neħduha f'sens ta' fiduċja sħiħa. L-Iben – Ġesù – kellu fiduċja sħiħa f'Missieru li dak li jrid il-Missier hu l-aħjar ħaġa għalih u għall-oħrajn. U hawnhekk għandna bżonn noħorġu minn qoxritna, għax ħafna drabi l-Kelma ta' Alla meta tmissna, meta tixxukkjana, nieħdu wisq għalina. Ningħalqu wisq fina nfusna u naħsbu li Alla għandu għalina, jew Ġesù rrabjat għalina. Imma fil-fatt ikun bil-maqlub. Dan huwa l-mod tiegħu ta' kif lili jagħmilni aħjar. Huwa l-mod tiegħu ta' kif lili jerfagħni 'l fuq. Tinsewx illi Alla bagħat 'l Ibnu fid-dinja biex lilna jerfagħna 'l fuq u jtellagħna għand Alla. U Alla jsir bniedem biex jagħmel lili u lilek bħalu. Din bis-serjetà, mhix miktuba biex tibqa' biss fuq il-karti. Din fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Alla jixtieq li kull wieħed u waħda minna ngħixu fil-qofol u fil-milja tagħha l-umanità, fid-dinjità tagħna l-bnedmin. Nibqgħu fiċ-ċentru ta' dan il-ħolqien. Allura hemm bżonn li nfittxu r-rieda ta' Alla.

Kemm hi ħaġa sabiħa li tara l-knisja mimlija bin-nies, xi ħaġa li kienet rari f'dawn l-aħħar xhur! Forsi kienet aktar komda naraw il-quddiesa – mhux nieħdu sehem fiha – naraw il-quddiesa fuq l-iskrin, fuq it-televiżjoni. X'differenza kbira tieħu sehem, tipparteċipa! Inti titlob, inti qiegħed quddiem Alla mhux biss b'għajnejk, jew b'widnejk, u forsi kultant b'moħħok u b'idejk tagħmel xi ħaġa oħra, jew maqlub u mixħut fuq xi

sufan. Le, mhux hekk! Inti fil-knisja tiltaqa' ma' Alla, b'ruħek, b'ġismek, b'moħħok. Titlob il-persuna sħiħa tiegħek, bl-esperjenza umana totali tiegħek, u din tagħmlilna differenza kbira. Għax int mhux biċċa biss minn ġismek trid tikkomunika miegħu, imma kollok kemm inti. Hu mhux biss lil għajnejk jew lil widnejk irid ikellem, imma lill-persuna sħiħa tiegħek. Int ma tistax tmur ħdejn Alla waħdek, imma trid tmur fi spirtu tal-komunità, ma' ħutek li huma wkoll jgħixu din l-esperjenza bl-umanità sħiħa tagħhom. Imma mhux biss… Kif aħna se nkunu nafu r-rieda tal-Missier għalina?

Ibqgħu ċertu li jekk San Ġorġ huwa martri kbir fl-istorja kbira tal-Knisja – dan jixhduh kemm l-istorja tiegħu, imma fuq kollox il-qima kbira li tkaxkret u li baqgħet għaddejja għal sekli sħaħ mingħajr ma taqta' – ibqgħu ċerti li San Ġorġ kellu f'qalbu u f'moħħu, matul ħajtu għalkemm żagħżugħa, l-ewwel u qabel kollox lil Alla u dak li jixtieq Alla minnu; l-ewwel u qabel kollox il-Kelma ta' Alla, il-Vanġelu; l-ewwel u qabel kollox il-valuri Kristjani. Ara taħsbu li l-mewt tal-martirju tiġi kemm tfaqqa' subgħajk. Il-mewt tal-martirju mhix għajr il-quċċata ta' ħajja megħjuxa kollha kemm hi fl-ubbidenzja, f'relazzjoni intima mal-persuna ta' Ġesù. U hekk ikun kuntent San Ġorġ, u hekk nirrisponduha l-mistoqsija li bdejna biha llum: Kif ikun kuntent San Ġorġ? Meta aħna jkollna lil Kristu magħna, fil-moħħ tagħna, fil-persuna sħiħa tagħna. Kif, b'liema mod? Billi naqraw fuqu, billi nisimgħu fuqu, billi nagħmlu esperjenza ta' komunità, billi naqraw il-Vanġelu, billi nattendu għal-laqgħat, billi niċċelebraw il-liturġija, l-Ewkaristija, billi nagħmlu l-karità, billi ngħixuha l-ħajja Kristjana. Ma nħalluhiex xi ħaġa biss ta' mument, ta' siegħa l-Ħadd, imbagħad daqshekk, u ngħidu: "Issa dmiri għamiltu". Le. Jekk wasal għall-martirju, żgur li għal San Ġorġ ma kinitx quddiesa siegħa l-Ħadd, l-Ewkaristija ma kinitx xi ħaġa fil-ġimgħa, imma kienet il-ħajja kollha tiegħu. U aħna biex tassew inħobbuh, u biex inħossuna li llum għandna d-dritt u mhux biss id-dmir li niċċelebraw il-Festa, kull wieħed u kull waħda minna rridu nimitaw lilu fir-relazzjoni intima li kellu mal-persuna ta' Ġesù.

U l-aħħar ġnien: il-ġnien ta' Marija ta' Magdala, il-ġnien fejn indifen Ġesù, il-ġnien fejn kien hemm il-qabar ġdid, il-ġnien fejn qam Ġesù. Kemm hi sabiħa l-ikona tal-ġnien! Għaliex? Għax fil-ġnien ma jistax ikun hemm mewt. Fil-ġnien il-mewt ma teżistix. Fil-ġnien teżisti biss il-ħajja. U fil-ġnien iż-żerriegħa mejta, li taqa' u tmut fil-ħamrija, Ġesù li jmut fil-ħamrija, jikber, iqum mill-mewt u jagħti l-ħajja mhux biss lil dawk li jħobbuh, mhux biss lil dawk li jimxu warajh, imma lill-bnedmin tad-dinja kollha, anki lil dawk li ma jafuhx.

Imma fejn hu s-sigriet tal-aħħar ġnien? Jinsab f'dak li għamel San Ġorġ, fl-għotja sħiħa tal-persuna tiegħu. Fil-kapaċità tal-bniedem, tiegħek u tiegħi, li naqdu u nħobbu mingħajr ma nistennew xejn lura. Fl-attitudni tagħna li nkunu mhux biss ħbieb ta' xulxin, mhux biss qaddejja ta' xulxin, imma li kapaċi nħobbu lil xulxin bl-imħabba ta' Ġesù, l-imħabba *agape* – "ma hemmx imħabba akbar minn din" (Ġw 15:13). Li wieħed jagħti biċċa minnu, lilu nnifsu għall-ieħor hija l-imħabba tal-omm. Jien naraha li tista' tifhem ħafna affarijiet fl-ikona tal-omm, l-omm li tagħti ħajjitha. Tgħiduli, il-missier le? Anki l-missier. Imma l-omm li tagħti ħajjitha, b'mod speċjali fil-mument tal-ħlas. It-Taljani jgħidu: *"Ogni parto è un partire"* – kull ħlas huwa mewt. Kważi kważi jekk ma hemmx mewt, jekk ma hemmx dik it-tbatija estrema tal-omm, ma tistax toħroġ il-ħajja, ma tistax tiġġenera l-ħajja. U din hija l-loġika tal-Vanġelu. Din hija l-loġika tal-martirju. Ibqgħu ċerti li din kienet l-enerġija kollha li fuqha kienet iddur il-ħajja ta' San Ġorġ. Hawn irridu nilagħbu l-ħajja kollha kemm hi.

B'xorti ħażina, qegħdin ngħixu f'soċjetà illi l-mudell uniku tagħha huwa li nkun sew jien. L-awtosuffiċjenza, li l-bniedem ikun sew, u li niġi naqa' u nqum minn dawk ta' madwari, minn dawk ta' maġenbi. Dan huwa l-mudell ta' bħalissa. Jiġifieri l-mudell familjari ta' darba qiegħed bil-mod il-mod jiżżarma. Intom irriflettu ftit fuq dak li qed jiġri bħalissa – kulħadd ħsiebu fih innifsu, l-importanti li nkun sew jien. Jien naraha din meta tiġri xi ħaġa bejn il-koppji, għax jien dik l-esperjenza l-aktar li kelli: "Għax issa ma għadni nħoss xejn lejh… għax inħossni aħjar mal-ieħor". Il-punt ta' riferiment huwa xi nħoss jien. Qed ngħixu f'soċjetà li għandha dan il-mudell, kważi kważi l-bniedem mingħalih jiddealizza lilu nnifsu, mingħalih… f'din il-ġirja bla tmiem, li għandu jsib il-kuntentizza tiegħu.

Imma dan il-mudell ma jaqbilx mal-mudell tal-Ħallieq. Tiftakru kif bdejna: Alla jpoġġi bħala ritratt tiegħu fid-dinja lir-relazzjoni. U sakemm il-bniedem ma jinfetaħx għall-ieħor jew għall-oħra, sakemm il-bniedem ma jiggանċjax, ma jingħaqadx mal-oħrajn, sakemm il-bniedem jibqa' waħdu, hu jibqa' mdejjaq. Hija fittizzja, hija utopija l-idea illi jekk jien inkun sew, se nkun kuntent. Le, jien ma nistax inkun sew waħdi. Ħadd minna ma jista' jkun sew waħdu, lanqas ħadd minna. Kulħadd irid ikun sew hu u kulħadd jixtieq lil ta' madwaru jagħmlu kulma jistgħu biex jien inkun sew. Biex tiġri din, jien ukoll irrid nagħmel xi ħaġa għall-oħrajn. Jien ukoll irrid inkun ġeneruż, jien ukoll irrid inħobb.

Allura hawnhekk San Ġorġ, il-*georgos* – dak li jieħu ħsieb il-ġnien – lil kull wieħed u waħda minna, hu li hu xbieha ta' Kristu, hu li Kristu jgħix fih, hu li għalih il-mewt hi rebħ, qiegħed jistedinna biex nikbru ftit fil-ġenerożità, biex inċarrtu naqra qalbna. Eżempju sempliċi: "Għandi l-mara taf kemm tgerger, minn filgħodu sa filgħaxija, ma jogħġobha xejn, dejjem teqred". Dik tista' sservik biex titbiegħed minnha jew tista' sservik biex iċċarrat naqra oħra qalbek ħalli tagħmel wisa' għal dawn id-dgħufijiet ta' martek. U bil-maqlub, mhux biss ir-raġel lejn il-mara, imma l-mara lejn ir-raġel. U meta jiġri hekk inti tirringrazzja lill-mara tiegħek li teqred u tgerger – tgħiduli: "Iva, għax m'intix miżżewweġ qed tgħid hekk!" – għax tkun qed tagħmillek jew jagħmillek servizz. Ikun qed ikabbrek fl-imħabba, ikun qed ikabbrek fil-martirju.

Inkella faċli ħafna nċapċpulu lil San Ġorġ, faċli ħafna ngħidulu kemm inħobbuh. Imma aħna nridu nħobbuh mhux biss bi lsienna, mhux biss ftit żmien fis-sena, imma bil-persuna sħiħa tagħna, bil-ħajja sħiħa tagħna. U hekk verament ikun jistħoqqilkom tagħmlu festa kbira lil dan il-qaddis kbir.

Viva San Ġorġ!

KRONAKA



# IL-GRIŻMA TAL-ISQOF U L-EWWEL TQARBINA

Din is-sena, minħabba li l-għoti tal-Griżma u l-Preċett kellu jiġi mċaqlaq għal iktar tard minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19, kellna l-grazzja li niftħu l-Ġimgħa tal-Festa bl-amministrazzjoni tal-Konfirmazzjoni mill-Isqof Mario Grech (it-Tnejn 13 ta' Lulju) u tal-Ewwel Tqarbina mill-Arċipriet Joseph Curmi (it-Tlieta 14) f'żewġ ċelebrazzjonijiet sbieħ u uniċi. Fil-każ tal-ewwel, din kienet l-aħħar ċelebrazzjoni ta' Griżma tal-Isqof fil-Parroċċa tagħna li mexxa l-Isqof Grech. Fi tmiem iż-żewġ ċelebrazzjonijiet, it-tfal kellhom ix-xorti li jieħdu ritratt tal-grupp kollu quddiem l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, li kienet esposta fil-Bażilika għall-jiem tal-Festa titulari.



**Il-Griżma tal-Isqof:** Gianluca Abela, Anouk Attard, Benjamin Attard, Michael Attard, Miguela Axiak, Dilyn Ballucci, Brendan Borg Attard, Geordie Borg, Anna Maria Cauchi, Joseph Cauchi, Sienna Cremona, Kurt Cutajar, Lisa Marie Farrugia, Cady Griffiths, Andrew Grima, Grace Makoschey, Hannah Portelli, Thiago Jo Said, Dorothy Spiteri, Fulvio Maria Valenti, Joséphine Valletta Caruana, Francesca Vella, Kurt Vella, Mia Joy Vella, Ian Zarb.

*Ritratt: Sam Cefai*



**L-Ewwel Tqarbina:** Zack Agius, Joel Attard, Alexis Azzopardi Casha, Enya Bonnici, Chanelle Camilleri, Giorgio Anici Camilleri, Jake Camilleri, Ana Rose Caruana, Giuseppe Cini, Lucas Debono, Rihana Debono, Jayden Farrugia, Yana Farrugia, Lee Incorvaja, Aiden Mercieca, Jurgen Mercieca, Miguel Mercieca, Mikael Mercieca Muscat, Lincoln Paul Muscat, Katherine Ogilvie, Ismael Saliba, Christian Spiteri, Estelle Spiteri, Luke Spiteri, Christopher Sultana, Jan Vella, Mariah Vella, Mason Vella, Gianluca Xerri, Wayne Zammit Agius.



Il-Ħadd 26 ta' Lulju l-Arċipriet amministra wkoll l-Ewwel Tqarbina lil Kylan Ballucci.

*Ritratt: Anthony Grech*

# PARROĊĊA ĠDIDA F'ĠIEĦ SAN ĠORĠ MARTRI F'DURRËS



ATTWALITÀ

Il-Kappillan Patri Geoffrey Bugeja OP

Id-Dumnikani Maltin fl-Albanija jaqdu l-missjoni tagħhom fl-ispirtu ta' evanġelizzazzjoni, f'diversi postijiet u b'manjieri differenti skont il-ħtiġijiet tan-nies. Minbarra l-Knisja parrokkjali ta' San Duminku li tinsab f'tarf il-belt ta' Durrës, il-patrijiet jaqdu wkoll lin-nies li jgħixu f'diversi rħula fil-qrib.

Fost dawn l-irħula hemm dak ta' Lagjja Mirdita. F'dan ir-raħal jgħixu ħafna familji foqra li m'ilhomx wisq li niżlu mid-distrett muntanjuż ta' Mirdita, fejn kienu jgħixu, biex ifittxu x-xogħol u jagħtu ġejjieni aħjar lil uliedhom. Din il-parti periferika tal-belt ta' Durrës qed tiżviluppa f'żona industrijali. B'hekk nittamaw li s-sitwazzjoni ekonomika tar-residenti taż-żona tmur għall-aħjar. Fil-fatt, diġà hemm titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-residenti tal-akkwata.

F'din iż-żona d-Dumnikani  jaqdu l-ministeru tagħhom minn knisja li fil-fatt hi ddedikata lil San Ġorġ Martri. Hawnhekk tajjeb ngħidu li l-knisja preżenti hija t-tieni waħda li nbniet. L-ewwel waħda ta' daqs iżgħar kienet inbniet minn familja Qormija. Minbarra l-quddiesa tal-Ħadd u ċelebrazzjonijiet oħra matul is-sena kollha, f'din il-knisja jsiru laqgħat differenti u t-tagħlim tal-katekiżmu. Ma jistax jonqos li l-jum l-aktar mistenni fis-sena jkun dak tat-23 ta' April, Festa ta' San Ġorġ. Issa saret tradizzjoni li dakinhar ir-raħal jinġabar bi ħġaru għall-quddiesa pontifikali f'ġieħ il-maħbub Patrun. Il-festa tkun ippreċeduta b'attivitajiet oħra, bħat-tberik tan-nibbieta, u lejlet il-Festa jsir ukoll it-tberik tal-ħuġġieġa tradizzjonali ta' San Ġorġ.

Fit-28 ta' Ġunju li għadda, waqt ċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Henricus Veldkam, Kanċillier tal-Arċidjoċesi ta' Tirana-Durrës, inqara uffiċjalment id-digriet li permezz tiegħu l-E.T. Mons. Ġorġ Frendo OP waqqaf parroċċa ġdida, u s-sede ta' din il-parroċċa hi appuntu l-Knisja rettorjali ta' San Ġorġ Martri f'Lagjja Mirdita. Fid-digriet li ħoloq din ir-realtà ekkleżjali ġdida, fost l-oħrajn hemm miktub: *"Meta wieħed jara l-esiġenzi tal-Arċidjoċesi tagħna, kif ukoll il-ħtiġijiet pastorali tal-fidili f'dik il-parti ta' Durrës magħrufa bħala Lagjja Mirdita, u billi l-popolazzjoni f'din iż-żona kibret sewwa (...), ħadt id-deċiżjoni li noħloq parroċċa ġdida li jkollha s-sede tagħha f'Lagjja Mirdita"*. Fil-fatt din id-deċiżjoni ttieħdet wara l-Viżta Pastorali li l-Arċisqof għamel fil-Parroċċa ta' San Duminku s-sena li għaddiet.



Fl-ittra li bagħtilna, ftit tax-xhur ilu l-Arċisqof kiteb: "Patri Geoffrey ilu jwettaq ħidma pastorali f'Lagja Mirdita sa mis-sena 2009. Ħadem bla heda għall-bini ta' knisja ġdida (peress li l-knisja li kienet fl-użu kienet saret wisq ċkejkna) u l-bini ta' ċentru parrokkjali kbir, li jservi għal bosta attivitajiet. Kibru l-attivitajiet pastorali u kulturali, kif ukoll l-attendenza fil-knisja. Kien għal din ir-raġuni li, ftit wara li nħtart Arċisqof, ħtartu Rettur tal-knisja ta' dik iż-żona.

Għaddew aktar minn tliet snin minn dik il-ħatra, u deherli li kien wasal iż-żmien li dik iż-żona tinqata' mill-Parroċċa ta' San Duminku f'Durrës (parroċċa kbira ħafna fit-territorju u fil-popolazzjoni) u tinħatar bħala parroċċa ġdida. Din id-deċiżjoni ħadtha wara konsultazzjoni mal-aħwa Dumnikani ta' Durrës, mal-Provinċjal ta' Malta, u mal-Kunsill Presbiterali.

Ix-xewqa tiegħi hi li, waqt li tkompli tissaħħaħ fil-fidi u fil-fraternità l-komunità Kattolika ta' Lagjja Mirdita, Rinia u Fllakë, minn din il-parroċċa ġdida jinbtu wkoll xi vokazzjonijiet hekk meħtieġa għall-Knisja żagħżugħa tagħna".

Nirringrazzjaw lil Mons. Arċisqof għall-appoġġ u l-fiduċja li wera fina, u nkomplu nitolbu biex il-Mulej jagħnina b'vokazzjonijiet lokali. Għall-grazzja ta' Alla, anki jekk aħna ftit fin-numru, ninsabu dejjem qrib tal-poplu ta' Alla, u l-frott ta' din il-ħidma jidher.

PROGETTI



# AKTAR XOGĦOL FIL-FAĊĊATA U FUQ ĠEWWA TAL-BAŻILIKA

Andrew Formosa

Matul ix-xhur tas-sajf baqa' għaddej ix-xogħol relatat mal-faċċata tal-Bażilika. Dan kien jinkludi prinċipalment it-tibdil u r-restawr tal-ġebel tal-kampnar tal-punent. Kif diġà semmejna f'edizzjonijiet preċedenti, dan il-kampnar kien qed iġarrab diversi ħsarat, prinċiplament minħabba ċinturin tal-ħadid li tpoġġa fin-naħa ta' fuq. Minħabba elementi oħra, numru ta' ġebel iddeterjora u ma kienx baqa' triq oħra għajr li jitbiddel. Dan it-tibdil sar wara konsultazzjoni mal-periti ħalli jiġu mħarsa r-regoli ta' konservazzjoni. Kull ġebla li tbiddlet kienet fil-fatt spezzjonata mill-Perit. Ta' min isemmi li ċertu lavur ta' ġebel kien jirrikjedi paċenzja u attenzjoni kemm biex tiżżarma l-ġebla, tinħadem oħra ġdida u titpoġġa f'postha mingħajr detriment għall-istruttura tal-kampnar. F'diversi każi, imqar jekk il-ġebel kien idditerjora, ġie maqbul li minflok tinbidel il-ġebla kollha, isir trattament kimiku biex titwaqqaf id-deterjorazzjoni kif ukoll tissaħħaħ il-ġebla.

Minbarra x-xogħol relatat mal-kampnar, sar xogħol fuq il-faċċata li kien jinvolvi t-tneħħija ta' ħmieġ u depożiti li akkumulaw magħha. Sar xogħol ta' tikħil u mili ta' fili biex ix-xogħol jiġi integrat.

Intant, it-tender li nħareġ rigward l-illluminazzjoni tal-faċċata, il-kampnari u l-koppla ġie kkanċellat wara li ż-żewġ offerti li nxteħtu ġew ikkunsidrati ogħla mill-baġit allokat. Il-proġett tar-restawr tal-faċċata u l-koppla u tal-illuminazzjoni hu ffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex.

Wara li ġiet innutata infiltrazzjoni ta' ilma fil-Kappella ta' Ġesù u Marija, ġie deċiż li jsir ir-restawr meħtieġ ħalli ma ssirx aktar ħsara. Intrama armar biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jilħqu kull parti tal-kappella, inkluż it-twieqi tal-koppletta tal-istess kappella. Sar xogħol ieħor ta' restawr u tisbiħ fil-kappella. Biex jikkumplimenta x-xogħol ta' restawr tal-kappella minn ġew, sar ir-restawr meħtieġ tal-kappella minn barra ħalli jiġi żgurat li ma jkunx hemm aktar infiltrazzjoni ta' ilma.







# "IR-REBBIEĦ" FIL-KTIEB TAL-APOKALISSI (3)

## IMFISSER FIL-PITTURA TAL-KOPPLA TAL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ F'GĦAWDEX



FIDI

Rev. Dr Martin Micallef OFMCAP

Fid-dawl tar-restawr li għadu kemm sar fuq il-pitturi sbieħ tal-Koppla tal-Bażilika tagħna, li għandhom suġġett hekk uniku fit-tifsira teoloġika-simbolika tiegħu, f'dawn il-ħarġiet qed nippubblikaw f'partijiet artiklu xjentifiku miktub apposta mill-biblista Patri Martin Micallef OFMCAP li jgħinna nifhmu t-tifsira iktar profonda ta' dawn ix-xbihat. Din hi t-tielet u l-aħħar parti.

**7. Ir-Rebbieħ, il-kolonna fit-Tempju u l-isem minqux**

Fis-seba' felli tal-koppla ta' San Ġorġ insibu pittura oħra li tieħu l-ispirazzjoni tagħha minn dak li naqraw f'Apk 3:12: "Ir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-Tempju ta' Alla tiegħi, minn fejn qatt iżjed ma joħroġ u fuqu nonqox isem Alla tiegħi, isem il-Belt ta' Alla tiegħi, Ġerusalemm il-ġdida li nieżla mis-sema mingħand Alla tiegħi, u l-isem il-ġdid tiegħi".

F'din is-silta mill-Apokalissi niltaqgħu ma' aktar wegħdiet li jsiru lir-rebbieħ. Din id-darba lir-rebbieħ li żamm sħiħ f'dak li naqraw f'v. 11 jiġi mwiegħed li jsir kolonna fit-Tempju ta' Alla. Din mhijiex tixbiha ġdida fit-Testment il-Ġdid. Fl-Ittra lill-Galatin 2:9 San Pawl isejjaħ lit-tliet Appostli Ġakbu, Pietru u Ġwanni "kolonni", filwaqt li f'1 Tim 3:15 il-Knisja hija msejħa "kolonna u pedament tal-verità".

Numru ta' għejun ġew issuġġeriti għar-referenza tal-kolonna li tissemma f'Apok 3:12. Xi wħud jirreferu għall-użanza li fiha l-qassis tal-kult imperjali Ruman kien iwaqqaf statwa fl-ispazju li fuqu kien ikun mibni t-tempju pagan u li fih kien ikun hemm imnaqqax ismu.[61] Oħrajn jissuġġerixxu ż-żewġ kolonni li kien hemm fit-Tempju ta' Salamun li kienu jġibu l-ismijiet personali ta' Joakin u Boaz (ara 1 Slat 7:21), jew inkella l-kolonni ta' Artemisium f'Efesu, jekk mhux ukoll l-iskultura tal-kolonni bħala figura umana.[62]

Jista' jkun iżda li l-ebda wieħed minn dawn is-suġġerimenti ma kien intenzjonat wara r-referenza għall-kolonna f'Apok 3:12, hekk illi studjużi oħra jżommu illi jekk is-silta minn Iż 22:15-25 kienet għadha f'moħħ l-awtur (mill-vers 7), l-istabbiltà tal-kolonna tista' tkun referenza għall-post fiss: "Inwaħħlu bħal musmar ma' ħajt fis-sod, u jkun tron glorjuż għal dar missieru" (22:23).

Fil-fatt nistgħu ngħidu li fix-xbieha ta' kolonna hemm l-idea ta' stabbiltà u permanenza, tant illi fit-test mill-Apokalissi li fuqu qed nitkellmu naqraw: "minn fejn qatt iżjed ma joħroġ" (3:12). F'belt bħalma kienet dik ta' Filadelfja, li għaliha jingħad dan il-kliem, u li kienet esperjenzat numru ta' terremoti li ħallew ħerba magħhom, b'mod illi dawk li kienu jgħammru hemm kellhom jaħarbu lejn il-kampanja u hemmhekk jgħixu b'mod temporanju, il-wegħda ta' xi ħaġa permanenti fid-dawl ta' Ġerusalemm il-ġdida kellha tifsira speċjali.[63]

Fuq kollox, iżda, ir-referenza għall-kolonna spiritwali teħodna lura għal dak li naqraw f'Eż 13:21 fejn tissemma l-famuża kolonna li kienet tidher binhar bħala sħaba u billejl bħala kolonna tan-nar. Din il-kolonna kien tfakkar jew turi



lill-poplu l-preżenza ta' Alla fosthom. Fit-tradizzjoni Lhudija, b'mod partikulari fit-testi ta' Qumran, insibu referenza għall-kolonni spiritwali.[64] F'kitbiet oħra Nsara, imbagħad, li jinkludu letteratura apokalittika u ma daħlux jagħmul parti mill-Kanoni tal-Iskrittura, insibu referenzi u tifsir dwar arkitettura spiritwali fejn "il-kolonni" li jissemmew jirreferu għall-għemejjel tajba u "għall-ħajt imfisser bħala t-talb".[65]

Studjużi oħra huma tal-fehma li r-referenza għall-"kolonna fit-Tempju ta' Alla" (bil-Grieg *Stulon en to nao tou Theou*) f'Apok 3:12 hija waħda li tirreferi għall-Insara li huma msejħin u allura referenza għall-Knisja. F'dan is-sens irridu ngħidu mela li Apok 3:12 huwa test importanti fil-ħsieb tal-awtur tal-Apokalissi li bih ikompli jesprimi l-idea ta' Ġerusalemm il-ġdida/spiritwali li l-Knisja hija msejħa ssir. L-awtur jimmaġina li tempju spiritwali, li jkollu l-isem ta' Ġerusalemm il-ġdida, għad jitwaqqaf fil-futur bħala premju għar-rebbieħ. Din l-idea ta' Ġerusalemm il-ġdida tiġi introdotta fil-ktieb f'21:2 u d-deskrizzjoni għaliha nsibuha fl-aħħar żewġ kapitli konklużivi tal-ktieb.

Minħabba li l-awtur, identifikat bl-isem ta' Ġwanni, jenfasizza l-assenza tat-Tempju (ara Apok 21:22), it-tempju li jissemma f'Apok 3:12 ma jidhirx li nistgħu nqisuh bħala parti minn Ġerusalemm il-ġdida.[66] Xi awturi fil-fatt huma tal-fehma li dak li naqraw f'Apok 3:12 jgħinna nifhmu aħjar il-fatt li hawnhekk qed nassistu għal żvilupp loġiku u kronoloġiku minn Ġerusalemm Lhudija ta' din l-art, iddestinata biex tiġi meqruda, għall-Knisja Nisranija. Fl-istess ħin irridu nżommu f'moħħna li l-Knisja wkoll hija xi ħaġa li kellha tiżviluppa matul is-snin. Hija bdiet bħala realtà spiritwali f'persekuzzjoni u fil-periklu, kif jidher tajjeb mis-seba' messaġġi li l-anġli jagħtu lis-seba' Knejjes (ara wkoll Apok 11:1-2), sakemm fl-aħħar issir Ġerusalemm il-ġdida.

Wegħda oħra li tingħata lir-rebbieħ f'Apok 3:12 hija li Kristu għad jikteb fuqu l-isem ta' Alla, l-isem tal-belt ta' Alla, u l-isem ġdid tiegħu stess. Il-qawwa ta' din il-wegħda ta' skrizzjoni triplika sservi biex turi li min jibqa' fidil, mhux biss ikun tassew jappartieni lil Alla, imma wkoll għandu relazzjoni speċjali mal-persuna ta' Kristu.[67] Fit-Testment il-Qadim diġà naqraw kif Aron, il-Qassis il-kbir, kien jilbes fuq ġbinu strixxa tad-deheb li fiha kien hemm imnaqqax il-kliem: "Qaddis il-Mulej" (Eż 28:36-38). F'Apok 7:3 imbagħad naqraw kif il-qaddejja ta' Alla kellhom immarkat fuq ġbinhom is-siġill, li skont Apok 14:1 din il-marka kellha l-forma tal-isem tal-Ħaruf u tal-Missier (ara wkoll Apok 22:4).

It-tieni isem f'Apok 3:12 li r-rebbieħ kellu jiġi mnaqqax fuqu huwa dak tal-belt ta' Alla, referenza li tindika ċittadinanza għas-Sema (ara Gal 4:36; Fil 3:20). It-tielet isem, imbagħad, li r-rebbieħ kellu jingħata skont dak li naqraw f'Apok 3:12, huwa "l-isem il-ġdid tiegħi". L-isem il-ġdid ta' Kristu jissimbolizza rivelazzjoni sħiħa tal-karattru tiegħu li hu kellu jagħti lill-Insara li kienu qed jistennew it-tieni miġja (ara Apok 19:12) u li għalissa ma kinux jafu t-tifsira teoloġika sħiħa tal-Inkarnazzjoni.

Interessanti ninnutaw hawnhekk kif il-belt ta' Filadelfja li għaliha hija miktuba waħda mis-seba' ittri lis-seba' Knejjes fl-Apokalissi darbtejn irċeviet isem ġdid: dak ta' Neo-Ċesarija bħala gratitudni għal Tiberju minħabba l-għajnuna li hu kien ta fil-bini mill-ġdid ta' din il-belt wara li ġġarrfet f'terremot qawwi, u aktar tard l-isem ta' Flavja, l-isem tal-familja Vespasjana. Minkejja dan, xi wħud mill-istudjużi jirrimarkaw li dan ma jidhirx li hu l-isfond tar-referenza għall-isem ġdid mogħti lir-rebbieħ f'Apok 3:12.[68]

L-isfond bibliku għal Apok 3:12 li ppreżentajna hawnhekk jgħinna napprezzaw aktar dak li nsibu mpitter fis-seba' felli tal-koppla ta' San Ġorġ, fejn il-figura tal-qaddis martri tidher wieqfa fin-nofs donnha xi kolonna tat-Tempju. It-Tempju, jew aħjar Ġerusalemm il-ġdida, tidher impittra wara l-figura ta' San Ġorġ, nieżla mis-sema fejn hemm il-figura ta' Ġesù. Żewġ anġli mbagħad qegħdin iżommu skrizzjoni miktuba bil-Lhudi li tirreferi għall-isem ġdid mogħti lir-rebbieħ, f'dan il-każ lil San Ġorġ.

### 8. Ir-Rebbieħ, il-għajn tal-ħajja

Fit-tmien u l-aħħar felli tal-koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ il-Prof. Conti ħallielna pittura oħra mill-isbaħ li tesprimi l-ħsieb wara dak li naqraw f'Apok 21:6-7: "Lil min hu



bil-għatx jiena nisqih b'xejn mill-għajn tal-Ħajja. Dawn jirithom ir-rebbieħ; u jiena nkun Alla tiegħu u hu jkun ibni". Proprjament din is-silta tibda bi stqarrija tat-twettiq ta' dak li kellu jseħħ. Hekk naqraw fil-bidu ta' Apok 2:16: "U qalli mbagħad: 'Seħħu!'". M'hemm l-ebda inċertezza, mela, dwar il-ferħ ta' dejjem imwiegħed lil dawk li jżommu sħiħ mal-fidi tagħhom minkejja l-provi tal-ħajja.

Jidher li l-għan ta' dawn il-versi mill-Apokalissi huwa li jgħin lill-qarrejja jifhmu min hi tassew il-figura bla isem li nsibu fuq it-tron. Il-vers 6 fil-fatt jibda bi stqarrija: "Jiena l-Alfa u l-Omega, il-Bidu u t-Tmiem". Dan il-kliem jidher diversi drabi fl-Apokalissi, xi drabi b'referenza għall-Mulej Alla (ara 1:8), u xi drabi b'referenza għal Kristu (ara 22:13). Hija din il-ħaġa li tagħmel din is-silta f'Apok 21:6-7 daqshekk importanti, minħabba li dan il-kliem jindika d-divinità ta' Kristu li issa narawh bilqiegħda fuq it-tron ta' Missieru (ara 3:21), b'tali mod li l-kliem li jgħid il-Missier u l-Iben isiru ħaġa waħda.[69]

L-espressjoni "l-Alfa u l-Omega" tirreferi għall-ewwel u l-aħħar ittri tal-alfabett Grieg, allura bħala referenza għall-bidu u t-tmiem (ara wkoll Apok 1:8; 22:13 u Iż 44:6; 48:12). Il-fatt li Alla hu l-bidu mhux biss ifisser li hu kien qabel kollox u qabel kulħadd (ara 1 Ġw 1:1), iżda wkoll li hu l-għajn ta' kollox. Huwa wkoll it-tmiem, fis-sens li hu jikkostitwixxi l-għan ta' kollox (ara 1 Tim 1:5; Rum 10:4).

Dak li hu msejjaħ l-Alfa u l-Omega jippermetti li min hu bil-għatx jixrob b'xejn mill-għajn tal-ħajja, rigal li jantiċipa dak li naqraw f'Apok 22:17. L-Iskrittura spiss tuża l-figura ta' xi ħadd bil-għatx biex tfisser ix-xewqa tar-ruħ għal Alla. Hekk naqraw, ngħidu aħna, f'Salm 42:1 (ara wkoll Salm 36:9; 63:1; Iż 55:1). L-Iskrittura fil-fatt tippreżenta lill-Mulej Alla bħala għajn ta' ilma ħaj bħalma naqraw f'Ġer 2:13. Dan l-ilma ħaj iwassal sal-ħajja ta' dejjem kif jispjega Ġesù lill-mara Samaritana li ltaqa' magħha ħdejn il-bir (ara Ġw 4:14). Fi klima niexfa bħalma hi dik tal-Palestina, għajn ta' ilma frisk hu simbolu ta' xi ħaġa li thennik u tiffriskak.

B'dan f'moħħna nistgħu napprezzaw aħjar kif il-Prof. Conti fisser it-test meħud minn Apok 21:6-7 fil-pittura tiegħu li tiksi l-aħħar felli tal-koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Hawnhekk huwa jippreżentalna lil Ġesù bilwieqfa b'virga f'idejh li minnha qed inixxi ilma b'abbundanza, b'mod illi dan jifforma gelgul ta' ilma li minnu qed jixorbu n-nagħaġ li jidhru fuq in-naħa ta' isfel ta' din il-pittura. Fuq in-naħa l-oħra, għarkupptejh, naraw lil San Ġorġ li l-idejn tiegħu qed jilqgħu l-ilma ħaj li qed jingħata minn dak li f'dan it-test tal-Apokalissi hu identifikat bħala l-Alfa u l-Omega. Fuq in-naħa ta' fuq tal-pittura, imbagħad, il-Prof. Conti jippreżenta xena tas-Sema jew aħjar tat-tron ta' Alla li quddiemu bi lbies abjad karti hemm għarkupptejh San Ġorġ li qed jingħata l-isem jew it-titlu ta' "Ibni" skont dak li naqraw f'dan it-test ta' Apok 21:6-7, filwaqt li l-qaddis qed jagħraf lill-Mulej "Alla tiegħu".

**Konklużjoni**

Fi tmiem din ir-riflessjoni tagħna fuq il-pittura li nsibu fil-koppla tal-Bażilika ta' San Ġorġ narah li joqgħod tajjeb ħafna l-kliem li kien kiteb il-Papa Benedittu XVI meta kien għadu Kardinal Prefett tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi. Fl-introduzzjoni għall-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika huwa jikteb li "x-xbieha wkoll hija tħabbira evanġelika".[70] Huwa jkompli jgħid li "l-artisti ta' kull żmien offrew għall-kontemplazzjoni u għall-apprezzament tal-fidili dawk il-fatti l-aktar importanti tal-misteru tal-fidwa, u ppreżentawhom fid-dija tal-ilwien tagħhom u fil-perfezzjoni tas-sbuħija".[71] Huwa mbagħad jikkonkludi b'nota pastorali billi jiddefinixxi r-rwol tal-arti "bħala sinjal ta' kif illum aktar minn qabel, fid-dinja tax-xbihat, ix-xbieha sagra tista' tesprimi aktar mill-istess kelma, peress li tisboq fil-qawwa tal-komunikazzjoni u tat-trażmissjoni tal-messaġġ tal-Evanġelju".[72] Dan hu dak li pprova jagħmel il-pittur Conti meta fil-pittura tiegħu li tesprimi r-rabta tar-rebbieħ fl-Apokalissi mal-ħajja tal-martri San Ġorġ, huwa ħallielna mezz ta' medjazzjoni fil-firda kontemporanja bejn il-kultura u l-Evanġelju, biex nuża l-espressjoni tal-qaddis Papa Pawlu VI fl-*Evangelii nuntiandi*.[73]

Il-pitturi ta' Conti fil-Bażilika ta' San Ġorġ juruna kif l-arti Nisranija tista' tiġi definita bħala dik l-attività estetika li l-forma u l-kontenut tagħha għandhom il-kapaċità li jipprovdu laqgħa mal-qima u l-ispiritwalità tal-individwu li twassal sabiex il-persuna tikber fil-fidi.[74]



**Riferenzi**

61 Ara Charles, *The Revelation of St. John*, 1:91-92; James Moffat, "The Revelation of St. John the Divine", f'*The Expositor's Greek Testament*, Grand Rapids 1951, 5:369.
62 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 104.
63 Fuq dan il-punt ara ibid., 104.
64 Ara Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John*, 127.
65 Ara ibid
66 Fuq dan il-punt ara ibid.
67 Ara Mounce, *The Book of Revelation*, 105.
68 Ara ibid.
69 Fuq dan il-punt ara Lupieri, *A Commentary on the Apocalypse of John*, 333.
70 Joseph Ratzinger, *Introduzzjoni għall-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, trad. Jesmond Manicaro, Malta 2006, n. 5.
71 Ibid.
72 Ibid.
73 Il-Papa Pawlu VI, Eżortazzjoni appostolika *Evangelii nuntiandi*, n. 20, f'*Dokumentazzjoni Kattolika (1)*, Malta 1976.
74 Ara John Navone, "Il valore dell'arte cristiana", *Civiltà Cattolica* 153/3645 (2002), 256.

MILL-ARKIVJU



Toni Farrugia

# TIEQA FUQ IL-QAGĦDA SOĊJALI TAL-PASSAT (1)

## MILL-ARKIVJU TAL-PARROĊĊA (5)

Dan huwa t-tielet u l-aħħar artiklu bbażat fuq ir-Reġistri tal-Mejtin tal-Parroċċa ta' San Ġorġ. Fih se nipprova nislet informazzjoni fuq il-qagħda soċjali ta' missirijietna. L-artiklu se jkun ippubblikat f'żewġ partijiet peress li hu kemxejn twil.

Qabel nibda nixtieq niċċara li l-istatistiċi ta' hawn taħt ma humiex kompluti peress li hemm diversi perjodi, li jvarjaw minn xahar wieħed sa 21 xahar, fejn ma sibt l-ebda mewt irreġistrata. Hemm ukoll 1,664 mewt fejn l-età ma kinitx irreġistrata, u għalhekk dawn l-imwiet ġew esklużi mill-istatistika. Punt ieħor huwa li kejjilt bix-xiber tal-lum – illum il-ġurnata l-anzjani huma dawk li għalqu s-sittin sena, mentri mitt sena ilu, meta l-*life expectancy* kienet baxxa iżjed minn tal-lum, nimmaġina li l-anzjani kienu dawk li għalqu ħamsin sena, jekk mhux anqas ukoll. L-istess it-tfal – fis-seklu dsatax kienu dawk ta' taħt it-tmien snin, mentri llum it-tfal huma dawk ta' taħt it-tnax-il sena.

Il-graff Nru 1 wieħed turi n-numru ta' mwiet kull deċennju matul is-sekli. Wieħed jista' jinnota li fid-deċennju 1841-1850 kien hemm l-ogħla reġistrazzjoni ta' mwiet, li niżlet bin-nofs fid-deċennju ta' wara (1851-1860), u reġgħet irrankat fid-deċennju 1861-1870. Spjegazzjoni għal dan ma għandniex, ħlief li fis-sena 1865 faqqgħet l-epidemija tal-kolera, li f'perjodu ta' tliet xhur ħasdet il-ħajja ta' 147 ruħ (dan jikkompara mal-118-il persuna li mietu matul is-sena kollha tal-1942, jiġifieri fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija). Jista' jkun li fin-nofs hemm jilgħab il-fatt li xi mwiet huma rreġistrati mal-Parroċċa tal-Matriċi (illum tal-Katidral), u għalhekk sabiex l-istampa fir-Rabat tkun kompluta jridu jkunu amalgamati l-imwiet taż-żewġ parroċċi.

**Tfal**

L-ewwel ħaġa li laqtitni kienet ir-rata ta' mortalità fost it-tfal. It-tabella Nru 1 turi l-imwiet kollha mqassma skont l-età f'perjodi ta' 25 sena. Wieħed jinnota li sas-sena 1875 għal diversi perjodi n-numru ta' tfal li mietu taħt it-tnax-il sena kien jiżboq in-numru ta' adolexxenti, adulti u anzjani




Graff 1. Numru ta' mwiet kull deċennju.

| Perjodu | | Tfal<br>0 sa 12-il sena | Adolexxenti<br>13 sa 18-il sena | Adulti<br>19 sa 60 sena | Anzjani<br>61 sena sa 102 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1639 | 1650 | 4 | 4 | 2 | 0 | 10 |
| 1651 | 1675 | 105 | 0 | 0 | 0 | 105 |
| 1676 | 1700 | 492 | 20 | 78 | 61 | 651 |
| 1701 | 1725 | 700 | 14 | 182 | 218 | 1,114 |
| 1726 | 1750 | 606 | 39 | 254 | 266 | 1,165 |
| 1751 | 1775 | 734 | 41 | 286 | 272 | 1,333 |
| 1776 | 1800 | 604 | 30 | 395 | 383 | 1,412 |
| 1801 | 1825 | 960 | 20 | 217 | 237 | 1,434 |
| 1826 | 1850 | 1,495 | 63 | 552 | 602 | 2,712 |
| 1851 | 1875 | 1,290 | 44 | 385 | 770 | 2,489 |
| 1876 | 1900 | 523 | 42 | 432 | 1,092 | 2,089 |
| 1901 | 1925 | 645 | 26 | 239 | 673 | 1,583 |
| 1926 | 1950 | 402 | 6 | 220 | 871 | 1,499 |
| 1951 | 1975 | 55 | 3 | 129 | 717 | 904 |
| 1976 | 2000 | 23 | 4 | 108 | 798 | 933 |
| 2001 | 2018* | 4 | 0 | 58 | 498 | 560 |
| TOTAL | | 8,642 | 356 | 3,537 | 7,458 | 19,993 |

* perjodu ta' 18-il sena

Tabella 1. Mwiet mqassmin skont l-età kull 25 sena.

flimkien. Din iċ-ċifra baqgħet għolja sas-sena 1950, jiġifieri sa ftit wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija, meta saru avvanzi fil-mediċini u fl-iġene. Tant kienu jmutu tfal li fis-seklu dsatax kien sar reġistru separat għat-tfal li jmutu taħt it-tmien snin (ara l-informazzjoni dwar il-*Libro infanti* fl-artiklu tiegħi tal-ħarġa preċedenti).

| Perjodu | | ma tinkludix tfal taħt is-sena | numru ta' tfal mejtin taħt is-sena | tinkludi tfal taħt is-sena | numru ta' mejtin minn sena 'l fuq |
|---|---|---|---|---|---|
| **1676** | **1700** | 37.1 | 304 | 20.1 | 347 |
| **1701** | **1725** | 42.2 | 378 | 25.8 | 736 |
| **1726** | **1750** | 44.8 | 342 | 30.3 | 823 |
| **1751** | **1775** | 42.2 | 422 | 27.7 | 911 |
| **1776** | **1800** | 49.2 | 360 | 35.9 | 1,052 |
| **1801** | **1825** | 40.1 | 587 | 22.1 | 847 |
| **1826** | **1850** | 42.6 | 785 | 29.1 | 1,927 |
| **1851** | **1875** | 51.5 | 742 | 34.5 | 1,747 |
| **1876** | **1900** | 62.2 | 341 | 51.7 | 1,748 |
| **1901** | **1925** | 60.2 | 464 | 41.6 | 1,119 |
| **1926** | **1950** | 67.7 | 312 | 53.1 | 1,187 |
| **1951** | **1975** | 72.3 | 45 | 68.7 | 859 |
| **1976** | **2000** | 75.2 | 18 | 73.7 | 915 |
| **2001** | **2018*** | 78.2 | 2 | 77.9 | 558 |
| **TOTALI** | | | **5102** | | 14,776 |

* perjodu ta' 18-il sena
Nota: Meta nikkalkulaw l-età medja rridu ninnutaw li t-total ta' mwiet ivarja sew bejn perjodi differenti.

Tabella nru. 2. Età

**Età medja**

Din twassalna għat-tieni tabella, li turi l-età medja tal-mejtin. Għalkemm minn din it-tabella wieħed ma jistax jislet bi preċiżjoni l-*life expectancy* (għaliex din hija affettwata minn fatturi bħal ġeneru, ġenetika, servizzi tas-saħħa, dieta u nutrizzjoni, stil ta' ħajja u rata ta' kriminalità), xorta waħda wieħed jista' jinnota l-qabża li hemm bejn l-età medja tal-perjodu 1676-1700 u l-età medja tal-perjodu 2001-2018. It-tabella hi maqsuma f'żewġ kolonni: l-ewwel kolonna turi l-età medja tal-mejtin mingħajr tfal li mietu taħt is-sena u t-tieni waħda tinkludihom. B'hekk wieħed jista' jinnota x'effett kellha r-rata ta' mortalità fost it-tfal fuq l-età medja – sas-sena 1950 l-età medja tonqos jekk tinkludi t-tfal li mietu taħt is-sena, filwaqt li wara din is-sena l-età medja tiġi l-istess jew kważi l-istess jekk tinkludi dawn it-tfal.

**Tfal taħt it-tnax-il sena li mietu fl-istess familja**

Statistika oħra ta' swied il-qalb hija dik ta' familji li kellhom ħafna wlied li mietu taħt it-tnax-il sena. L-ewwel kolonna fit-tabella Nru 3 turi n-numru ta' tfal li mietu fl-istess familja u t-tieni kolonna turi kemm kien hemm familji li għaddew minn din it-trawma. Biex nispjega ruħi aħjar:

a. Il-koppja Antonius Apap u Carmela Scerri li żżewġu fil-21/03/1893 fil-Katidral kellhom 19-il wild bejn is-snin 1894 u 1917. Erbatax minn dawn l-ulied mietu taħt l-età tenera ta' sena, filwaqt li tnejn mill-ulied l-oħra mietu fl-età ta' 80 sena.
b. Il-koppja Franciscus Cutajar u Evangelista (kunjomha xebba mhux annotat), li aktarx iżżewġu fl-14/11/1723 fl-Għarb, kellhom 13-il wild li mietu taħt it-tnax-il sena bejn is-snin 1726 u 1749.
c. Il-koppja Carmelus Attard u Georgia Cutajar li żżewġu fit-13/08/1907 fil-Katidral kellhom 20 wild bejn is-snin 1908 u 1933. Tnax minn dawn l-ulied mietu taħt l-età tenera ta' tliet snin, filwaqt li tnejn mill-ulied l-oħra mietu ta' 63 sena u 84 sena.
d. It-tliet koppji li ġejjin kellhom 11-il wild li mietu taħt l-età ta' tnax-il sena:
   - Benignus Casha u Anna (kunjomha xebba mhux annotat) (1775-1779);
   - Franciscus Camilleri u Maria (kunjomha xebba mhux annotat) (1805-1837);
   - Ignatius Formosa u Rosa (kunjomha xebba mhux annotat) (1706-1763).

| Numru ta' tfal fl-istess familja | Numru ta' familji |
|---|---|
| 14 | 1 |
| 13 | 1 |
| 12 | 1 |
| 11 | 3 |
| 10 | 6 |
| 9 | 8 |
| 8 | 21 |
| 7 | 42 |
| 6 | 61 |
| 5 | 129 |
| 4 | 291 |
| 3 | 512 |
| 2 | 913 |
| 1 | 2,439 |
| **TOTAL** | **4,428** |

Tabella 3: Tfal ta' taħt it-12-il sena li mietu fl-istess familja.

Storja oħra ta' swied il-qalb hija dik ta' każijiet ta' trabi li twieldu mejta (*stillborn*). Minn dawn hemm 377 u fir-reġistri tagħna hemm żewġ familji li kellhom aktar minn mewta waħda bħal din. Il-koppja Antonius Carbone u Evangelista (kunjomha xebba mhux annotat) li żżewġu fis-27/07/1732 fin-Nadur kellhom erbgħa bejn is-snin 1734-1738, filwaqt li l-koppja Aloysius Cremona u Josepha Vella li żżewġu fl-04/06/1927 f'Ta' Sannat kellhom tlieta bejn is-snin 1931-1940. Barra minn hekk, Aloysius Farrugia u Catharina Vella li żżewġu fit-23/04/1927 f'San Ġorġ kellhom ħamsa bejn is-snin 1934-1941. Dawn ittieħdu direttament fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija, u għalhekk la huma rreġistrati mal-Parroċċa ta' San Ġorġ u lanqas ma' dik tal-Katidral, imma huma rreġistrati fir-Reġistru Pubbliku. Din l-informazzjoni ngħatat lili verbalment minn waħda mill-ulied tal-istess koppja. Min jaf jekk hemmx aktar każijiet simili!

Ir-rata ta' mortalità fost it-tfal kienet waħda mir-raġunijiet għaliex il-familji, sa qisu l-ewwel nofs tas-seklu l-ieħor, kien ikollhom ħafna wlied. Peress li kienu jafu li se jmutu wħud jew bosta minn uliedhom, kienu jġibu ħafna tfal bit-tama li jsalvaw uħud minnhom. Raġuni oħra kienet it-tagħlim tal-Knisja fuq il-prokreazzjoni tat-tfal.

... jissokta fil-ħarġa li jmiss

FESTA



# IL-VICTORIA INTERNATIONAL ARTS FESTIVAL 2020

Il-Kan. George J. Frendo

Ma nkunx qiegħed niżbalja jekk ngħid li żgur qatt daqs din is-sena l-Festival ma rriżulta daqstant ta' wens, konnettività u tama.

Tliet kelmiet li jfissru ħafna. Tliet kelmiet li tul ħames ġimgħat sħaħ ikkaratterizzaw il-Festival. Ma nafx li qatt kien hemm ħtieġa li jinħoloq sens ta' wens, konnettività u tama fuq livell profond tal-essri tal-bniedem daqskemm kien hemm din is-sena. Tassew li inizjattiva, hi x'inhi n-natura tagħha, turi xi ssarraf fi żmien ta' avversità u ta' sfidi mhux żgħar. Xejn daqs in-nar ma jikxef il-kalibru tad-deheb. Fi żmien ta' inċertezza tremenda u ta' qtigħ ta' qalb, meta ma tismax ħlief b'iżolament bir-riskju li l-persuna tingħalaq fiha nfisha u tħares lejn dawk l-aktar qrib bħala kważi 'theddida', il-kunċerti varji, minn solisti għal *ensembles da camera*, orkestrali u korali ta' livell dinji, ittrażmettew sens ta' solidarjetà, pożittività u festività mill-aqwa. Kienet festa kontinwa, festa ta' ġmiel spiritwali kbir, il-festa kulturali ta' San Ġorġ. Dan kien li ispira l-Festival, dan hu li janima l-Festival, dan hu li jsostni l-Festival.

Li ma tagħmel xejn kienet tentazzjoni qawwija iżda mhux għażla għalina. Ħadd ma kien se jlumna kieku ngħaqadna mal-bosta organizzaturi oħra ta' inizjattivi simili, sew lokali sew dinjija, li ddeċidew li fiċ-ċirkustanzi attwali, jew ma jagħmlu xejn, jew jirridimensjonaw drastikament l-offerta kulturali tagħhom. Jien mhux qiegħed ngħid dan bl-ebda mod biex ngħaddi xi forma ta' ġudizzju negattiv, iżda bħala stat ta' fatt. Il-Festival fil-loġistika kumplessa tiegħu kien lest sa Marzu. M'hemmx kliem biex nuri l-apprezzament u r-radd ta' ħajr lill-uffiċċjali inkarigati li bħas-soltu ħadmu b'xejn u bi professjonalità kbira fuq medda ta' ġranet sħaħ meta tgħodd is-sigħat twal involuti biex sa Marzu jkollna kollox f'postu rigward it-teħid ta' biljetti tal-ajru, *bookings* ta' akkomodazzjoni u dan wara n-*networking* estensiv mal-mużiċisti kollha li jinkludi l-programmi ta' kull kunċert li din is-sena kien ippjanat li jkollna 34 wieħed. Kollox kien lest sal-anqas dettall. Dan biex ma nsemmix ix-xogħol relatat mal-*accounting* rigoruż li jiżgura trasparenza assoluta fl-amministrazzjoni tal-fondi pubbliċi bħala *sponsorship* fl-iskema tal-*Gozo Cultural Support Programme*.

Konna qed inħarsu b'entużjażmu kbir lejn it-23 Edizzjoni tal-Festival li kienet se tiffoka fuq Ludwig van Beethoven fl-anniversarju tal-250 sena mit-twelid tiegħu. Kienu se jiġu esegwiti għall-ewwel darba f'Malta kompożizzjonijiet ċelebri ta' dan il-ġenju mużikali Ewropew. Wieħed faċilment jifhem id-diżappunt li ħassejna hekk kif bdiet tiżvolġi s-sitwazzjoni minn Marzu 'l quddiem. Kien beda jidher aktar probabbli li s-sitwazzjoni ma kinetx se titjieb sa Ġunju b'tali mod li tagħmel possibbli li l-Festival isir. Sadattant kien qed jinżamm kuntatt kontinwu mal-artisti dwar x'seta' jsir. Naturalment kulħadd kien għaddej mill-istess preokkupazzjoni pprovokata minn klima ta' inċertezza li kienet ukoll aggravata mill-*policy* ta' *lockdown* parzjali jew totali adottata minn diversi pajjiżi. Wara li rajna l-possibbiltajiet u kkonsultajna mal-artisti, ħadna d-deċiżjoni li l-Festival isir fl-intier tiegħu onlajn. Nixtieq nesprimi l-apprezzament tagħna għall-uffiċċjali tal-Kunsill Malti tal-Arti li wrew sapport sħiħ għal din id-deċiżjoni. Min hu intiż fit-teknoloġija japprezza x-xogħol minuzjuż u kkumplikat li jinvolvi sigħat twal u kordinazzjoni kbira biex jitħejjew mhux anqas minn 29 kunċert u jixxandru onlajn jum wara ieħor. L-entużjażmu u l-koperazzjoni li sibna mill-artisti kollha, li anki ħarġu flus minn buthom sabiex ikunu jistgħu jirrekordjaw il-kunċerti tagħhom, ma jitwemmnux. Sinċerament nistqarr li konna aktar minn sorpriżi bit-turija ta' solidarjetà u bir-rieda soda murija minn kulħadd u minn kullimkien li għandu jsir minn kollox biex il-Festival isir u jkun sinjal ċar li l-mużika tegħleb kull sitwazzjoni, kerha kemm hi kerha, u toħloq dak is-sens ta' ottimiżmu li s-sbuħija kapaċi tnissel speċjalment fi żmien diffiċli.

Tassew, kif kien stqarr Dostoevsky, "is-sbuħija se ssalva d-dinja". Wieħed seta' japprezza mhux biss il-maestrija tal-artisti, iżda fuq kollox l-umanità u s-sensibbiltà altruwista tagħhom li għamlu kollox possibbli. Il-maestrija sublimi dehret, inħasset u tgawdiet. L-infrastruttura spiritwali, ħa nsejħilha hekk, ma kinitx apparenti, iżda forsi l-aktar ta' valur. F'dinja fejn diżgrazzjatament il-flus u l-profitt materjali huma sidien, din it-turija ta' umanità profonda hi tassew "evanġelju", bxara tajba. Dan qed niktbu għax tassew li messejna b'idejna l-apprezzament kbir li għandhom id-diversi artisti lejn il-Festival li jħossuh tagħhom, u l-istima kbira partikolarment lejn il-mibki Surmast u Direttur artistiku Joseph Vella li *ad unur* tiegħu kienet din l-Edizzjoni speċjali. Matul is-snin inħolqot klima ta' ħbiberija li diffiċli tesprimiha bil-kliem. Kif aċċennajt qabel, din is-sena ta' sfidi mhux żgħar fuq kull livell kixfet il-profondità u s-sodezza tal-bażi li jsostni l-Festival: il-ħbiberija, l-istima sinċiera u r-rispett reċiproku li m'hemmx prezzhom. Din is-sena nkixfet forsi bħal qatt qabel il-blata li fuqu mibni l-Festival. Il-pedament ma jidhirx iżda jinkixef fl-avversità. Min jaf lis-Surmast Vella jifhem sew x'qed ngħid. Dan l-ispirtu hu l-legat prinċipali li ħalla u li fih trawwimna.

Fuq kollox mhux dan li jfisser San Ġorġ?




# IĦALLINA MONS. CORONATO GRIMA

## SAĊERDOT ĠORĠJAN B'QALB KBIRA LI ĦALLA VOJT KBIR



Ġużeppi u Emanuela Grima flimkien mad-disa' wliedhom; Coronato jidher l-ewwel wieħed mix-xellug.

Din is-sena 'Natu', kif ħafna minna kienu jafuh lil Mons. Coronato Grima, iċċelebra għall-ewwel darba l-Liturġija tal-Festa ta' San Ġorġ ta' Lulju fis-Sema. Wara ħajja ta' sebgħin sena, mogħtija bi mħabba għall-Knisja, Dun Koronat ħalla din l-art nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju 2020, Festa ta' Santa Marija Maddalena, meta lejn it-8.00am ħa l-aħħar nifsijiet fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn kien ilu ġimgħa rikoverat. Il-Funeral sar it-Tnejn 27 ta' Lulju fil-Bażilika ta' San Ġorġ, u tmexxa mill-E.T. Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku għall-Korea u l-Mongolja, wara li l-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika talbu l-Uffiċċju tal-Mejtin fil-Knisja ta' San Ġakbu.

Aħna nemmnu li fil-Ġenna, kif ismu stess ifakkarna, Dun Koronat irċieva l-kuruna mingħand Ġesù għall-ħidma kbira li wettaq tul ħajtu, l-aktar il-mod ġeneruż kif qeda lill-Knisja f'Ġibiltà għal 35 sena sħaħ. Kuruna magħmula minn deheb imsoffi fin-nar tat-tbatija li hu kellu jġarrab f'ġismu għal dawn l-aħħar snin, hekk li ma tantx gawda l-irtirar tiegħu f'Għawdex, imqar jekk anki mis-siġġu tal-mard kompla jaqdi kif seta' lill-Knisja Għawdxija u l-Parroċċa Ġorġjana li kienet il-mimmi t'għajnejh.

Coronato Grima twieled fit-18 ta' Awwissu 1949, l-iben il-kbir ta' Ġużeppi u Emanuela mwielda Said, għad-dell tal-Knisja parrokkjali ta' San Ġorġ. Ommu, min-Nadur, semmietu għall-Kompatrun ta' raħal twelidha, San Koronatu Martri. Fost l-għaxar ħutu kellu jkun hemm ieħor li bħalu wkoll jilħaq saċerdot: Dun Ġorġ. Wieħed ma jeħodhiex bi kbira li minn familja reliġjuża bħal din joħorġu żewġ saċerdoti! Koronat daħal is-Seminarju fl-1967, u ġie ordnat saċerdot mill-Papa, illum qaddis, Pawlu VI, flimkien ma' 358 djaknu ieħor, fi Pjazza San Pietru, nhar id-29 ta' Ġunju, Solennità ta' San Pietru u San Pawl, tas-Sena Ġubilari 1975. Iċċelebra l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ fit-12 ta' Lulju.

Tliet xhur wara l-Ordinazzjoni, Dun Koronat wieġeb għas-sejħa tal-Mulej li jmur jaqdi l-Knisja f'Ġibiltà, sal-lum kolonja Ingliża fil-peninżula Iberika. L-Isqof tal-post, Edward Rapallo, dritt ħatru direttur spiritwali tal-Christian Life Movement u, wara ħames snin Viċi-Parroku fil-Katidral ta' Santa Marija Inkurunata, bagħtu fil-Parroċċa ta' San Ġużepp. Fl-1 ta' Novembru 1981 inħatar Amministratur, u nhar l-Għid tal-1982 sar Kappillan ta' din il-parroċċa li magħha rabat qalbu u għaliha tant stinka. Fl-aħħar snin tiegħu f'Ġibiltà, bejn l-2003 u l-2010, hu kien Kanċillier tad-Djoċesi.

Kif wieħed jistenna, anki f'din l-art fittex b'kull mod li jxerred l-imħabba kbira li kellu lejn San Ġorġ. Fil-fatt, fl-ewwel ċentinarju tat-twaqqif tal-parroċċa, f'Diċembru 1985, ikkummissjoni sett ta' twieqi *stained-glass* li fosthom hemm waħda li tirrappreżenta lil San Ġorġ. Fit-23 ta' April 2003, bit-tħabrik ta' Mons. Coronato, il-Posta ta' Ġibiltà ħarġet sett ta' bolli għas-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ.

Fis-26 ta' Marzu 1988 ġie maħtur Kavallier tal-Ordni tal-Qabar Imqaddes ta' Kristu f'Ġerusalemm, fil-Katidral ta' Ġibiltà, f'ċerimonja mmexxija mill-Isqof Bernard Devlin ta' Ġibiltà; u f'Għawdex fl-1982 inħatar ukoll Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata Ġorġjana. Fl-1993 ġie maħtur ukoll Kavallier tal-Ordni Kostantinjan ta' San Ġorġ.



F'tgħanniqa mal-Papa Pawlu VI wara li ordnah qassis fl-1975.


Għotja lill-Arċipriet Mons. Ġużeppi Farrugia
fl-okkażjoni taċ-Ċentinarju Ġorġjana tal-2003. Ritratt: JJP Zammit

In-nies ta' Ġibiltà għandhom biss kliem ta' tifħir u apprezzament għall-għożża u l-imħabba li bihom Dun Koronat ħadem għall-Insara tal-lokal fis-snin kollha li dam hemm. Fil-fatt imqar minn Għawdex hu baqa' jżomm korrispondenza spissa ma' ħafna familji minn Ġibiltà.

Fl-2010, Mons. Grima rtira mill-ħidma pastorali tiegħu f'dan il-pajjiż. Minn dakinhar, imqar jekk kellu jġorr il-madmad iebes tal-mard, beda s-servizz dedikat tiegħu bil-qrar u l-quddies fil-Bażilika. Minkejja l-qagħda ta' mard li xi ftit jew wisq illimitatu, ħafna setgħu jintebħu li taħt ġisem dgħajjef u, iktar tard, id-diffikultà biex jitkellem, kien hemm qalb kbira, sensibbli u determinata li tagħmel il-ġid b'kull mod. Daru fi Triq Karità saret għal ħafna persuni l-post fejn wieħed seta' jieqaf u jaqsam it-toqol tal-ħajja, u għalkemm fl-aħħar snin Dun Koronat spiċċa dipendenti kważi totalment fuq il-persuni ta' madwaru, imdawwar mill-kura ta' ħafna familjari u ħbieb, baqa' jispira mħabba u għożża li ftit saċerdoti oħra kellhom għall-ġid tal-poplu ta' Alla fil-parroċċa tagħna u fil-Knisja lokali. Min jaf kemm sofra fis-skiet għax ma setax jikkomunika kif xtaq bil-kliem, imma dejjem b'rassenjazzjoni sħiħa għar-rieda ta' Alla għalih.

Grazzi, Dun Koronat, talli għallimtna ma naqtgħu qatt qalbna nħobbu. B'dik il-qalb delikata tiegħek, issa kompli itlob għall-parroċċa tagħna mis-Sema, biex il-Mulej iżejjinha b'ħafna vokazzjonijiet bħal tiegħek u ta' ħuk Dun Ġorġ.


Maġenb ir-Relikwa tad-Driegħ ta' San Ġorġ fil-175 anniversarju tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ, Lulju 2014.


L-Arċipriet Pawlu Cardona jaħsillu riġlejh nhar Ħamis ix-Xirka tal-2016.

*Bosta kienu dawk li mal-aħbar tal-mewt ta' Mons. Coronato Grima bagħtu l-kondoljanzi tagħhom. Fuq quddiem Mons. Carmel Zammit, Isqof ta' Ġibiltà, kif ukoll Mons. Anton Teuma, l-Isqof-maħtur ta' Għawdex, li inzerta f'dawk il-jiem kien Assisi qed jagħmel l-irtir ta' qabel il-Konsagrazzjoni episkopali tiegħu. Il-messaġġ tiegħu nqara waqt il-Quddiesa tal-Funeral u kien jgħid hekk:*
Nixtieq ningħaqad magħkom fir-radd ta' ħajr lil Alla u fl-għotja lura lilu tal-persuna għażiża ta' ħuna s-saċerdot Coronato Grima. It-tjubija u l-imħabba lejn Alla u lejn il-bnedmin kienet tidher ċara fuq wiċċu, anki meta kien mgħakkes mill-mard.

Xi snin ilu kont Lourdes flimkien ma' grupp ta' Għawdxin. Dħalt f'bar nieħu kafè u wieħed minn dawk li kienu jaqdu kien Taljan. Wara li ħadna l-kafè, dan ġie fuqi u tani ponn domni tal-Medalja Mirakoluża. U qalli: "Qassamhom lil min trid". Għidtlu: "Dawn se jaslu Malta". "Malta!", qalli, "naf lil Dun Coronato Grima. Qatt ma ltqajt ma' saċerdot qaddis bħal dak". U daħħal idu fil-but u tani borża oħra domni tal-Medalja Mirakoluża, u qalli: "Dawn agħtihom lil Dun Koronat". Naħseb li daqshekk biżżejjed biex inkunu nafu min hu Dun Koronat.

Nitolbuh jitlob għalina mis-Sema. Nitolbu lil Mulej biex jagħti s-sabar lill-familjari tiegħu u fuq kollox fiduċja sħiħa fil-Qawmien mill-imwiet.

✠ **Dun Anton, minn Assisi**
22 ta' Lulju 2020

# MIETET SR GIOVANNA GAUCI FCJ

## MILL-VIRTUJIET TAL-PATRUN TAGĦNA XORBOT UKOLL L-AQWA EŻEMPJU GĦALL-ĦAJJA RELIĠJUŻA TAGĦHA





Fl-1 ta' Awwissu 2020, il-Mulej sejjaħ għal għandu lil oħtna Sr Giovanna (Rita) Gauci, tal-Franġiskani tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, fl-età ta' 74 sena. Kif jidher mill-ewwel ritratt li qed inġibu ma' dan l-apprezzament, għalkemm Sr Giovanna għaddiet ħajjitha taqdi lill-Kongregazzjoni tagħha f'pajjiżi differenti, xejn ma kien jgħaddi l-espressjoni ta' ferħ li kienet tixref fuq wiċċha xħin kienet tilmaħ l-istatwa ta' San Ġorġ fil-bieb tal-Bażilika nhar it-tielet Ħadd ta' Lulju, kull darba li l-impenji tagħha kienu jippermettulha tkun preżenti għal dan il-mument uniku. Mill-virtujiet tal-Patrun tagħna xorbot ukoll l-aqwa eżempju għall-ħajja reliġjuża tagħha.

Dwar din l-għażiża oħtu, Mons. Ġużeppi Gauci qalilna hekk: "Sr Giovanna, ġiet mgħammda fil-Parroċċa ta' San Ġorġ u għaliha kellha mħabba speċjali mhux biss għax ġiet mgħammda hemm nhar it-28 ta' Awwissu 1945, imma wkoll għax fl-istess parroċċa, nhar it-28 ta' Novembru 1862, ġiet mgħammda wkoll il-Fundatriċi tal-Kongregazzjoni tagħha, il-Venerabbli Margerita tal-Qalb ta' Ġesù. Sr Giovanna kienet ħafna kburija b'din il-ġrajja. Min-naħa l-oħra, kien ukoll f'dar fl-inħawi ta' Triq San Ġorġ li l-ewwel imseħbin fl-Għaqda tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù kienu jagħmlu l-ewwel laqgħat tagħhom taħt it-tmexxija ta' Dun Ġużepp Diacono, Viċi-Parroku ta' San Ġorġ. Dan Dun Ġużepp, imbagħad, snin wara, stinka u rnexxielu jibdel din l-Għaqda fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù.



Oħti kienet konxja ta' dan u kienet kburija bih, u għadni niftakar meta kienet Segretarja Ġenerali tal-Kongregazzjoni kienet stinkat mal-Postulatur tal-Kawża tal-Beatifikazzjoni ta' Madre Margerita biex fid-Digriet tal-approvazzjoni tal-*Positio* jkun imdaħħal dan il-fatt. Kull meta kienet tiġi għall-vaganzi u tinzerta l-Festa ta' San Ġorġ, kienet tieħu ħsieb li ma tfallix li tkun preżenti għaċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru fil-knisja. L-aqwa gost tagħha kien li mal-ħruġ tal-istatwa ta' San Ġorġ għall-purċissjoni jkollha l-palma f'idejha biex tistħajjel li hi waħda minn dawk bl-ilbiesi bojod quddiem it-tron tal-Ħaruf, tifraħ b'wieħed minn dawk li xerrdu demmhom u ħaslu lbieshom f'dan id-demm tal-Ħaruf".

## Messaġġ tas-Superjura Ġenerali Sr Vitaliana Zammit FCJ fl-okkażjoni tal-Funeral ta' Sr Giovanna Gauci FCJ

*It-Tlieta 4 ta' Awwissu 2020*
*Bażilika San Ġorġ, il-Belt Victoria*

*Reverendu Mons. Ġużepp Gauci, ċelebranti ta' dan is-sagrifiċċju tal-quddiesa, Sorelli, Miss Maria Gauci u Miss Georgina Gauci, ħut l-għażiża oħtna Sr Giovanna Gauci, neputijiet, qraba u ħbieb.*

Illum iltqajna hawnhekk biex nirringrazzjaw lil Alla għall-ħajja tal-għażiża oħtna Sr Giovanna Gauci bħala soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù; għax-xhieda li tat tal-ħajja kkonsagrata tagħha, 46 sena ta' ħajja mgħixa bil-ferħ, b'dedikazzjoni, bi mħabba u b'dispożizzjoni sħiħa biex tagħmel il-volontà ta' Alla murija speċjalment fis-Superjuri tagħna. Huwa żmien ta' niket, iżda naqraw fl-Iskrittura dan il-kliem: "Tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll. Sejjer nippreparalkom il-post, u meta kollox ikun lest, jien niġi u neħodkom miegħi biex fejn inkun jien tkunu intom ukoll" (Ġw 14:2-3).

Min kienet Sr Giovanna Gauci? Sr Giovanna twieldet ir-Rabat, Għawdex fis-27 ta' Awwissu 1945, bint Ludovico u Giovanna mwielda Galea. Fil-magħmudija l-ġenituri tawha l-isem ta' Maria Rita. Wara li spiċċat l-istudji hija bdiet il-missjoni appostolika tagħha bħala għalliema fl-Iskola Primarja ta' Ħal Qormi, Malta. Iżda ma damitx ħafna biex indunat li din ma kinitx it-triq li riedha tgħaddi minnha l-Mulej. Riedha aktar viċin tiegħu, riedha b'għarusa tiegħu, u Sr Giovanna wieġbet għas-sejħa tiegħu anki jekk dan ma

...jissokta f'paġna 29

KRONAKA



# KRONAKA PARROKKJALI

## NIFIRĦU LIL...

- L-E.T. Mons. Anton Teuma, li fis-17 ta' Ġunju 2020 ġie maħtur mill-Q.T. il-Papa Franġisku bħala d-disa' Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex. B'din il-ħatra hu sar ukoll it-tielet Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana. Hu ġie kkonsagrat Isqof minn idejn l-E.T. Mons. Mario Grech, Amministratur Appostoliku għal Għawdex, nhar il-Ġimgħa 21 ta' Awwissu, fir-Rotunda ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija .



Ritratt: Djoċesi ta' Għawdex / Shaun Sultana

- Is-seminarista Andrew Grima, mill-Parroċċa ta' San Lawrenz, u Fra Etienne Gilson OFMCONV, mill-komunità tal-Patrijiet Franġiskani tal-Belt Victoria, li l-Ġimgħa 19 ta' Ġunju, Solennità tal-Qalb ta' Ġesù, irċivew l-Ordni tad-Djakonat minn idejn l-Isqof Mario Grech, fuq iz-Zuntier tas-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu. Andrew għadda din l-aħħar sena pastorali jagħti servizz fil-Parroċċa tagħna, waqt li Fra Etienne issa ilu għal dawn l-aħħar snin katekista tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina u operatur pastorali fil-Parroċċa tagħna.



- Anton Zammit, jew aħjar Toni tal-Patri kif ilkoll nafuh, bħalma nafu kemm ħadem u stinka għal San Ġorġ, li fit-18 ta' Lulju 2020 is-Soċjetà Filarmonika La Stella, bħala rikonixximent tal-ħidma eżemplari u kontribut inkondizzjonat, ħatritu fil-kariga ta' Viċi-President Anzjan tagħha.



- Wallace Camilleri, li fl-aħħar sena għamel il-formazzjoni propedewtika tiegħu bi tħejjija għall-formazzjoni fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, li f'Lulju ġie aċċettat biex jibda l-ewwel sena ta' formazzjoni fl-istess Seminarju.



- Is-Sur Antoine Vassallo, President tal-Azzjoni Kattolika f'Għawdex, kollaboratur attiv fi ħdan il-Parroċċa ta' San Ġorġ (fejn serva fost l-oħrajn bħala Segretarju tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali), preżentatur assidwu fuq Leħen il-Belt Victoria, kontributur regolari ta' din ir-rivista, u Ċermen tal-Fondazzjoni Belt Victoria, li għall-ħidma tiegħu b'risq il-Knisja fuq livell sew djoċesan u parrokkjali, nhar il-25 ta' Awwissu ġie mogħti d-dekorazzjoni *Pro Ecclesia et Pontifice* mill-Isqof Mario Grech, fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, il-Belt Victoria.

## INSELLMU LIL...



- Toni Caruana SDC (1934-2020), mill-Parroċċa tal-Katidral, li miet nhar l-Erbgħa 1 ta' Lulju, fl-età ta' 85 sena. Għal snin twal Toni kien attiv ħafna fi ħdan is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija f'Għawdex, u l-vuċi tiegħu nafuha sew fuq ir-Radju komunitarju Leħen il-Belt Victoria fejn għal bosta snin kien itella' programmi siewja ta' tagħlim Nisrani.



- Mons. Coronato Grima (1949-2020), Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata Ġorġjana, li miet nhar l-Erbgħa 22 ta' Lulju, fl-età ta' 70 sena. Il-Funeral tiegħu sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ fis-27 ta' Lulju. Ritratt: JJP Zammit

- Sr Giovanna Gauci FCJ (1945-2020), li mietet nhar is-Sibt 1 ta' Awwissu, fl-età ta' 74 sena. Il-Funeral tagħha sar fil-Bażilika ta' San Ġorġ fl-4 ta' Awwissu.



## MEMBRI ĠODDA
### fil-komunità parrokkjali

**29/06/2020** **Nina Rae** bint Daniel Attard u Roberta Claire Vassallo
**11/07/2020** **George** bin Neville Galea u Sabrina Jill Attard
**11/07/2020** **Ellie** bint Charles Merceica u Tara Marie Farrugia
**24/07/2020** **Emily** bint Christopher Borg u Angie Mercieca
**25/07/2020** **Martina** bint Leonard Bonello u Ylenia Caruana
**29/07/2020** **Kate** bint Kenneth Agius u Amanda Attard
**02/08/2020** **Alassane** bin Amodou Bah u Modjere Sidibe
**02/08/2020** **Emma** bin Alassane Bah u Charlene Schembri
**07/08/2020** **Chloe** bint Allan Lee Attard u Roberta Mizzi
**14/08/2020** **Adele** bint Justin Vella u Marylene Cassar
**16/08/2020** **Pearl** bint Oliver Farrugia Sciortino u Natalie Sciortino
**23/08/2020** **Scarlett** bint Christian Paul Parnis u Sonia Bugeja
**30/08/2020** **Ilias** bin Samira Lia

### Ingħaqdu fis-sagrament
## TAŻ-ŻWIEĠ

**04/07/2020** **Christian Grech** u **Katrina Thorton**
**08/08/2020** **John Paul Camilleri** u **Melissa Caruana**
**14/08/2020** **Joseph Saliba** u **Jessica Busuttil**

### Marru jingħaqdu ma'
## KRISTU RXOXT

Mit-13 ta' Marzu 2020, minħabba l-imxija tal-Covid-19, il-quddiesa b'suffraġju għall-mejjet kienet issir fl-10.30am bil-bibien magħluqa u l-katavru kien jittieħed direttament iċ-ċimiterju fejn isir ir-rit tad-difna.

10/05/2020 **Maria Anna Mizzi**
14/05/2020 **Victoria Buhagiar**

Mis-26 ta' Mejju 2020, wara li tneħħew xi restrizzjonijiet imposti waqt l-imxija Covid-19, il-quddiesa *præsente cadavere* bdiet issir fil-Bażilika fil-preżenza ta' 20 ruħ.

26/05/2020 **Victoria Pace**
02/06/2020 **Giovanni Buhagiar***
12/06/2020 **Emanuel Mercieca**

* Fuq talba tal-familja saret quddiesa għal ruħu fit-3 ta' Ġunju 2020, fl-10.30am fil-Bażilika, filwaqt li r-rit tad-difna sar fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija filgħaxija.

Mill-1 ta' Lulju 2020, l-Awtoritajiet tas-Saħħa neħħew ir-restrizzjonijiet kollha imposti waqt l-imxija Covid-19. Għalhekk, il-quddiesa *præsente cadavere* bdiet issir mingħajr restrizzjonijiet.

18/07/2020 **Salvina Ballucci**
21/07/2020 **John Farrugia**
22/07/2020 **Mons. Coronatus Grima**
29/07/2020 **Tarcisio Gauci**
01/08/2020 **Suor Giovanna Gauci**
10/08/2020 **Carmela Mizzi**
14/08/2020 **Joseph Cini**
14/08/2020 **Maria Micallef**
15/08/2020 **Carmela Farrugia**
28/08/2020 **Maria Dolores Scicluna**

---

*... jaqbad minn paġna 27*

kienx faċli għaliha u swielha ta' sagrifiċċju kbir. Sr Giovanna ngħaqdet mas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù u wara l-formazzjoni inizjali tagħha fil-Casa Madre, għamlet l-ewwel Professjoni Reliġjuża fis-16 ta' April 1974. Ħames snin wara għamlet il-Professjoni Perpetwa fil-Casa Madre wkoll.

Sr Giovanna kienet soru li ħabbet ġenerożament lill-Mulej, u dan narawh minn kif hi dejjem rat il-volontà tiegħu f'dak li talbu minnha s-Superjuri. Eżatt wara l-Professjoni Perpetwa ġiet mibgħuta fl-Istati Uniti fejn il-Kongregazzjoni kellha skola primarja f'San Francisco, California. Damet hemm ħames snin u wara sena l-ubbidjenza sejħitilha biex tmur f'waħda mill-iskejjel tagħna fl-Awstralja. Sr Giovanna qdiet id-doveri tagħha professjonali b'dedikazzjoni, bi mħabba u ġenerożità lejn il-Mulej, lejn il-Kongregazzjoni u lejn il-poplu ta' Alla. Kienet maħbuba mill-għalliema, studenti u ġenituri għax għarfu fiha l-imħabba ta' persuna ddedikata għal Alla u għall-proxxmu.

Sr Giovanna kienet ukoll responsabbli tal-Komunità bħala Superjura. Hi dejjem fittxet li tħobb u tirrispetta lis-Sorelli u li tgħinhom f'dak li għandhom bżonn.

Sr Giovanna għexet il-kariżma tagħna bil-fervur, kienet kburija bħala soru Franġiskana tal-Qalb ta' Ġesù, u bint denja ta' Madre Margerita De Brincat. Għaliha l-Qalb ta' Ġesù kienet l-għajn tat-tama tagħha, u fil-bżonnijiet u d-diffikultajiet tagħha dejjem sejħet lilu flimkien ma' Madre Margerita. Sr Giovanna kienet ruħ ta' talb u spiss kienet tirrepeti ħafna ġakulatorji matul il-jum, anki sal-aħħar ħin tal-ħajja tagħha fuq din l-art.

Wara 31 sena fl-Awstralja, Sr Giovanna qdiet il-Kongregazzjoni wkoll bħala Segretarja u Kunsilliera Ġenerali fil-Casa Generalizia, Santa Maria delle Mole, l-Italja. Hi kompliet dan d-dover bir-reqqa kollha.

Il-Mulej jaf idewwaq is-salib tiegħu lil min jagħraf iħobbu, u dan ippruvatu Sr Giovanna matul is-sofferenza tagħha, speċjalment f'dawn l-aħħar sentejn. Hi aċċettat dan is-salib b'rassenjazzjoni u b'tama sħiħa fil-Qalb ta' Ġesù u fil-protezzjoni ta' Madre Margerita.

"Meta kollox ikun lest, jien niġi u neħodkom miegħi biex fejn inkun jien tkunu intom ukoll" (Ġw 14:3). U hekk għamel Ġesù ma' Sr Giovanna: sabha lesta u ġie għaliha, biex fejn hemm hu tkun hi wkoll.

Għalkemm dan huwa żmien ta' niket għall-għażiża Kongregazzjoni tagħna, għall-familjari u l-ħbieb ta' Sr Giovanna, aħna żguri li l-Mulej, l-Għarus divin tagħha, Ġesù, ħaddanha ma' qalbu u qalilha dawn il-kelmiet: "Ejja għarusa tiegħi, ejja maħbuba tiegħi u ikseb il-kuruna mħejjija għalik sa mill-eternità".

U lill-għażiża Sr Giovanna ngħidulha biex mis-Sema fejn hi qiegħda tgawdi lil Ġesù, li tant kienet tħobb, u fejn l-għażiża Fundatriċi tagħna Madre Margerita li żgur stennietha biex tilqagħha b'idejha miftuħa, titlob għalina u għad-dinja kollha li bħalissa għaddejja minn mewġa ta' biża' u nkwiet. Il-Qalb Ewkaristika tal-Mulej Ġesù titfa' l-ħarsa tagħha fuqna u twarrab minna kull deni, tbierek il-Kongregazzjoni tagħna b'vokazzjonijiet ġodda u qaddisa. Mill-ġdid intennu l-kondoljanzi tagħna lill-għeżież aħwa u familjari u ħbieb tal-għażiża Sr Giovanna.

*Mulej, agħtiha l-mistrieħ ta' dejjem.*

KRONAKA



# MID-DJARJU PARROKKJALI

MEJJU-AWWISSU 2020

Andrew Formosa

**» 1 ta' Mejju**
Beda jintrama aktar scaffolding madwar il-kampnar tal-punent tal-Bażilika Ġorġjana biex ikun jista' jsir ir-restawr meħtieġ minħabba d-deterjorazzjoni u l-erozzjoni li ġarrbet din il-parti tal-faċċata. Minħabba f'hekk, il-qanpiena l-kbira nqalgħet minn postha u tpoġġiet isfel tal-kampnar.

**» 9 ta' Mejju**
Inħarġet sejħa għall-offerti dwar tender għal sistema ġdida ta' illuminazzjoni tal-faċċata, il-kampnari u l-koppla tal-Bażilika. Is-sejħa baqgħet miftuħa sat-30 ta' Mejju.

**» 14 ta' Mejju**
**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa kantata bl-omelija dwar San Ġorġ fl-ewwel Ħamis ta' San Ġorġ. Wara, sar il-kant tal-innu, il-kurunella, il-litanija u l-Barka Ewkaristika.

**» 31 ta' Mejju**
**06.40pm:** Lejlet Għid il-Ħamsin, wara l-quddiesa mxandra bil-*live streaming*, l-Arċipriet mexxa t-talba tar-Rużarju bis-sehem ta' xi katekisti tal-Konfirmazzjoni, b'talb speċjali għall-kreżimandi tal-Parroċċa.

**» 13 ta' Ġunju**
Wara li, bl-għan li tiġi kkontrollata l-imxija tal-pandemija, fuq direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa u dawk Ekkleżjastiċi, għal diversi xhur fil-knejjes ma sarx quddies għall-pubbliku u dawn tħallew miftuħin biss għat-talb privat, fl-okkażjoni tas-Solennità ta' Korpus reġa' beda jsir il-quddies fil-Bażilika bil-parteċipazzjoni tal-fidili. Dan sar bi qbil mal-Awtoritajiet tas-Saħħa u b'numru ta' prekawzjonijiet, li jinkludu l-ħarsien tad-distanza soċjali, il-ħasil tal-idejn u l-iblies tal-maskra. L-ewwel funeral *præsente cadavere* fil-Bażilika miftuħ għall-pubbliku sar fil-15 ta' Ġunju.

**» 25 ta' Ġunju**
**06.00pm:** Wara li ġew ordnati djakni minn Mons. Isqof Mario Grech fuq iz-Zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu fid-19 ta' Ġunju, id-djakni Patri Etienne Gilson OFMCONV u Andrew Grima ħadu sehem għall-ewwel darba bħala djakni ġodda f'quddiesa ta' radd il-ħajr għall-Ordinazzjoni tagħhom immexxija mill-Arċipriet fil-Bażilika, fl-okkażjoni tas-7 Ħamis ta' San Ġorġ.

**» 27 ta' Ġunju**
**05.00pm:** Saret laqgħa ta' aġġornament għall-ġenituri tal-kandidati tas-sagrament tal-Griżma tal-Isqof.
**06.30pm:** Saret laqgħa ta' aġġornament għall-ġenituri tat-tfal li kienu ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

**» 30 ta' Ġunju**
**05.30pm:** Wara waqfa twila minn Marzu, saru laqgħa għat-tfal li ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina.

**» 1 ta' Lulju**
**05.30pm:** Wara waqfa twila minn Marzu, saret laqgħa għall-adolexxenti li ser jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

**» 3 ta' Lulju**
**07.30pm:** Inżammet fil-Bażilika ċ-Ċelebrazzjoni Penitenzjali tal-Ewwel Qrara.



**» 8 ta' Lulju**
Sar barbikju għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ organizzat mill-Grupp 23four.

**» 9 ta' Lulju**
**08.00pm:** Patri Marcello Ghirlando OFM mexxa Ċelebrazzjoni Pentinzjali bi tħejjija għall-Festa ta' San Ġorġ.

**» 10 ta' Lulju**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti fl-ewwel jum tan-Novena ta' San Ġorġ.

**» 11 ta' Lulju**
**Waranofsinhar:** L-istatwa titulari ta' San Ġorġ tniżżlet minn fuq il-presbiterju u tpoġġiet taħt it-tieni nava fil-korsija. L-istatwa titulari kienet inħarġet għall-qima fuq il-presbiterju sa minn nhar is-17 ta' Marzu bħala talb għall-ħarsien tal-Patrun ta' Għawdex mill-imxija tal-Covid-19.
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa għat-tfal tal-Parroċċa fit-tieni jum tan-Novena.



**» 12 ta' Lulju**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa quddiesa għall-membri tal-għaqdiet reliġjużi u soċjokulturali tal-Parroċċa fit-tielet jum tan-Novena.
**» 13 ta' Lulju**
**07.00pm:** Mons. Isqof Mario Grech mexxa Konċelebrazzjoni solenni fejn amministra s-sagrament tal-Konfirmazzjoni lil 25 adolexxent.
**» 14 ta' Lulju**
**07.00pm:** L-Arċipriet mexxa Quddiesa solenni li fiha amministra l-Ewwel Tqarbina lil 27 tifel u tifla.
**» 15-17 ta' Lulju**
**06.30pm:** Sar il-kant solenni tal-Għasar tat-tlitt ijiem tat-Tridu, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, ippresedut mill-Kan. Richard N. Farrugia, Mons. Feliċ Tabone, Vigarju Parrokkjali, u l-Kan. Emmanuel Buttigieg, rispettivament. L-omeliji tat-Tridu saru mill-Kan. Brendan Mark Gatt. Wara t-talba tal-Kurunella, iċ-ċelebrazzjonijiet Ewkaristiċi tmexxew mill-Kan. Geoffrey G. Attard, il-Kan. Tonio Galea, u l-Kan. Simon M. Cachia, rispettivament. Fil-jiem tat-Tridu, il-kor kien taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, *maestro di cappella* tal-Bażilika. Il-kant sar mill-Kor Laudate Pueri u l-iSchola Cantorum tal-Bażilika. Minħabba r-restrizzjonijiet tal-imxija tal-pandemija, f'dawn il-jiem tal-Festa, minflok bl-orkestra, il-kant tal-Għasar u l-Innu kien akkumpanjat mill-orgni, filwaqt li l-kant tal-Antifona kien akkumpanjat mill-orgni u l-kurunetta.
**» 15 ta' Lulju**
**08.30pm:** Id-djaknu Andrew Grima mexxa Ċelebrazzjoni ta' Xhieda Kristjana organizzata mill-Grupp 23four għaż-żgħażagħ u l-adolexxenti tal-Parroċċa.
**» 18 ta' Lulju**
**09.00am:** Mons. Pawlu Cardona, Vigarju Episkopali għall-Kleru, mexxa Konċelebrazzjoni solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, f'għeluq it-Tridu Mqaddes, bil-kant tat-*Te Deum*.
**06.30pm:** L-E.T. Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku għall-Korea u l-Mongolja, assistit minn delegazzjoni tal-Kapitlu Katidrali, mexxa t-Translazzjoni u l-Ewwel Għasar Pontifikali.
**07.45pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia mexxa ċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-Barka Ewkaristika.
**» 19 ta' Lulju**
**08.30am:** L-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof-maħtur tad-Djoċesi ta' Għawdex, ippresieda l-kant tat-Terza fis-Sagristija Maġġuri.
**09.00am:** L-Isqof Teuma, assistit mill-E.T. Mons. Alfred Xuereb, Nunzju Appostoliku għall-Korea u l-Mongolja, minn rappreżentanti tal-Kapitlu Katidrali, mill-Kapitlu Ġorġjan u l-kleru tal-Bażilika, u membri tal-kleru sekulari u reliġjuż, mexxa l-Pontifikal solenni tal-Festa, fejn niseġ ukoll l-omelija. Din kienet l-ewwel darba li Mons. Teuma ppresieda Konċelebrazzjoni fil-Bażilika bħala Isqof ta' Għawdex. Minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-imxija tal-pandemija, il-mużika tal-*Mass in D Major "Princeps Martyrum"* tkantat mill-Kor Laudate Pueri akkumpanjata bl-orgni.



**06.00pm:** L-Arċipriet mexxa ċ-ċelebrazzjoni tat-Tieni Għasar Solenni.
**07.30pm:** Il-Banda Ċittadina La Stella laqgħet il-ħruġ tal-istatwa titulari ta' San Ġorġ bl-innu *Georgius natus est* u wara esegwiet l-innu immortali *A San Giorgio Martire*. Wara, bdiet ħierġa l-Purċissjoni solenni mmexxija mill-Kan. Dr Joe Zammit, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-Bażilika, il-Banda Ċittadina u Dekana La Stella, l-ordnijiet reliġjużi tal-Belt Victoria, is-seminaristi tad-Djoċesi u l-fratellanzi tal-Bażilika. Minħabba d-direttivi maħruġa relatati mal-imxija, il-purċissjoni nħarġet f'forma ta' pellegrinaġġ, u tul ir-rotta tal-purċissjoni sar talb għall-interċessjoni ta' San Ġorġ.



**10.00pm:** Fi Pjazza Indipendenza, l-Arċipriet mexxa l-Att ta' Affidament lil San Ġorġ għall-fejqan mill-pandemija. L-istatwa ta' San Ġorġ tpoġġiet fuq impalkatura bil-Banca Giuratale fl-isfond, fejn dan il-mument ta' talb għalaq bil-Barka Sagramentali. Wara, l-istatwa ddaħħlet b'mod trijonfali fi Pjazza San Ġorġ bis-sehem tal-Banda Ċittadina La Stella.
**10.45pm:** L-Arċipriet mexxa l-aħħar ċelebrazzjoni tal-Festa, li kienet tinkludi l-kant tal-Antifona.
**» 21 ta' Lulju**
**Filgħaxija:** L-istatwa ta' San Ġorġ iddaħħlet lura fin-niċċa privatament.
**» 22 ta' Lulju**
Tħabbret il-mewt ta' Mons. Coronato Grima, membru tal-Kapitlu Ġorġjan, fl-età ta' 70 sena.
**» 26 ta' Lulju**
**05.00pm:** L-Arċipriet iċċelebra quddiesa li fiha ta l-Ewwel Tqarbina lil Kylan Ballucci.
**» 27 ta' Lulju**
**04.30pm:** Il-Kapitlu u l-kleru Ġorġjan telqu mill-Bażilika ta' San Ġorġ u mxew għall-Knisja ta' San Ġakbu fejn ingħad l-Uffiċċju tal-Mejtin. Wara, sar korteo mill-Knisja ta' San Ġakbu għall-Bażilika ta' San Ġorġ bil-katavru ta' Mons. Koronatu Grima. Imbagħad, l-E.T. Mons. Alfred Xuereb mexxa Konċelebrazzjoni *præsente cadavere* tal-Funeral ta' Mons. Grima.



## MERĦBA U TISLIMA LIŻ-ŻEWĠ ISQFIJIET

Fil-perjodu li qed ikopri dan l-għadd ta' *Il-Belt Victoria*, il-gżira tagħna rat il-ħatra u l-Konsagrazzjoni Episkopali tal-Isqof il-ġdid ta' Għawdex Anton Teuma, waqt li sellimna wkoll lill-Isqof Mario Grech, issa msejjaħ f'Ruma mill-Papa Franġisku bħala Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet. Waqt li ningħaqdu fil-merħba lir-Ragħaj Spiritwali ġdid tad-Djoċesi tagħna (ara paġni 11-12), fil-ħarġa li jmiss ser nagħtu ħarsa lura lejn ir-rabta bejn il-Parroċċa Ġorġjana u l-Isqof Mario li kien it-tieni Dekan tal-Kolleġġjata tagħna. Lit-tnejn li huma, *ad multos annos*!

*Ritratt: Djoċesi ta' Għawdex / Anthony Grech*

## MITEJN ĦARĠA TAR-RIVISTA IL-BELT VICTORIA

### STORJA TA' SUĊĊESS SA MILL-1981

LEĦEN MITBUGĦ TAL-PARROĊĊA MWASSAL B'XEJN F'DAREK
BLA WAQFIEN GĦAL 40 SENA!




ĦARĠA 1 (LUL-AWW 1981) – ĦARĠA 7 (LUL-AWW 1982)




ĦARĠA 8 (SET-OTT 1982) – ĦARĠA 100 (JAN-FRA 1998)




ĦARĠA 101 (MAR-APR 1998) – ĦARĠA 111 (NOV-DIĊ 1999)




ĦARĠA 112 (JAN-FRA 2000) – ĦARĠA 165 (NOV-DIĊ 2008)




ĦARĠA 166 (JAN-FRA 2009) – ĦARĠA 199 (JAN-APR 2020)




ĦARĠA 200 (MEJ-AWW 2020)